IŻ-ŻEJTUN

Citta' Beland

# Ir-Rapport Annwali 2021

# u

# l-Estimi Finanzjarji 2022

# Il-Werrej

Il-Werrej ........................................................................ i
Il-Kunsill Lokali ........................................................................ 1
Il-Kunsill Lokali taż-Żejtun kif elett f'Mejju 2019____________________1
It-Tqassim tad-Dekasteri ____________________ 1-4
L-Impjegati tal-Kunsill ____________________5
L-Istruttura tal-Organizzazzjoni____________________ 5-6
Il-Funzjonijiet u l-Komunikazzjoni ____________________6
Il-Laqgħat tal-Kunsill ____________________7
Doris Abela, is-Sindku ........................................................................ 8-23
Joan Agius, il-Viċi-Sindku ........................................................................ 24-29
Amanda Abela ........................................................................ 30
Gesmond Baldacchino ........................................................................ 31-35
Dorcas Camilleri ........................................................................ 36-38
Raymond Caruana ........................................................................ 39-42
Roderick Caruana ........................................................................ 43
Sean Chircop ........................................................................ 44-53
Stephanie Fenech ........................................................................ 54-59
Rapport u l-Estimi Finanzjarji għall-2022 ........................................................................ 60-71

# Il-Kunsill Lokali

## Il-Kunsill Lokali taż-Żejtun kif elett f'Mejju 2019




**Mix-xellug: Anton Falzon (is-Segretarju Eżekuttiv), Sean Chircop, Raymond Caruana, Stephanie Fenech, Joan Agius (il-Viċi-Sindku), Doris Abela (is-Sindku), Amanda Abela, Gesmond Baldacchino, Dorcas Camilleri u Roderick Caruana**

## It-Tqassim tad-Dekasteri

Is-Sindku qassmet id-dekasteri u r-responsabbiltajiet kif ġej :

<u>Doris Abela - Is-Sindku</u>



- Il-laqgħat tal-Kunsill u r-rappreżentazzjoni legali.
- L-estimi u l-kontroll tal-finanzi (mas-Segretarju Eżekuttiv).
- Assenjar tax-xogħol lill-ħaddiema tal-Kunsill.
- Il-Kumitati Reġjonali u l-infurzar tal-liġi.
- Id-drittijiet taċ-ċittadini (inkluż iċ-ċertifikati u l-passaporti).
- Proġetti Infrastrutturali inkluż ix-xogħlijiet ta' toroq, bankini u ġonna.
- It-traffiku.
- Sigurta' tal-lokal.

- Il-ġbir u l-immaniġġjar tal-iskart domestiku u kummerċjali.
- L-Innovazzjoni u Proġetti Ambjentali.
- Devoluzzjoni ta' propjetà tal-Gvern Ċentrali.

Joan Agius - il-Viċi-Sindku



- Is-servizzi għat-tfal sa 12 -il sena, inkluż il-*Kids' Club.*
- Attivitajiet u inizjattivi għall-familja, inkluż is-servizz u l-korsijiet għal kulħadd.
- Solidarjetà u integrazzjoni soċjali u l-ugwaljanza.
- L-assistenza soċjali.
- Il-kuntatti mal-Korporazzjoni tat-Taħriġ u x-Xogħol.
- Skema għall-ġbir tal-iskart riċiklat.
- Promozzjoni għall-isseparar tal-iskart.
- *i-BiNs.*

Amanda Abela – Kunsilliera



- L-istatistika.
- Il-*policy* tal-ilma.
- L-Eko-Konformità.
- Il-negozju u l-kummerċ.
- Il-liċenzji tal-ħwienet.
- Il-promozzjoni tan-negozji.
- Informazzjoni fuq Fondi mill-UE.

Gesmond Baldacchino - Kunsillier



- Il-latrini pubbliċi.
- It-tindif, it-tisbiħ u l-ħarsien tal-ġonna pubbliċi inkluż it-tisqija (Ġnien iċ-Ċrieki, Ġnien Brejġu u Ġnien il-Qawsalla).
- Il-manutenzjoni taż-żoni rikreattivi u l-funtani.
- L-uffiċċju elettorali u karta tal-identita'.
- Il-parkeġġi riżervati għall-persuni b'diżabilita'.
- Suq fil-beraħ.
- *Housing.*

<u>Dorcas Camilleri - Kunsilliera</u>



- L-anzjani.
- Id-Dar tal-Anzjani.
- Kuntatt mad-Dipartiment għall-Kura tal-Anzjani.
- Iċ-Ċentru tal-Kura Matul il-Jum għall-anzjani Żwieten.
- Id-djar l-oħra fejn hemm l-anzjani Żwieten.
- Il-persuni b'diżabbiltà.
- Il-Librerija Pubblika Lokali.
- L-edukazzjoni formali mill-Kindergarten sal-5 sena tas-Sekondarja.
- Il-Kunsilli Skolastiċi Primarji u Sekondarji sal-*Form* 5.
- L-Edukazzjoni għall-adulti inkluż korsijiet akkademiċi.

<u>Raymond Caruana - Kunsillier</u>



- Is-servizz tal-ilma u d-drenaġġ.
- Is-servizz tal-elettriku fit-toroq.
- It-telekomunikazzjoni.
- Is-servizz postali.
- Il-kalendarju liturġiku u l-attivitajiet reliġjużi fil-beraħ.
- Il-kuntatt mal-Knisja fuq iċ-ċimiterju.
- Il-Pulizija, il-Protezzjoni Ċivili u l-Forzi Armati.
- Il-knis u t-tindif tat-toroq inkluż l-isqaqien rurali.
- It-tindif, it-tisbiħ u l-ħarsien tal-ġonna pubbliċi, u s-*soft areas* inkluż it-tisqija (Ġnien iż-Żgħożija, Ġnien l-Għannejja Żwieten u Ġnien il-Kmandant).
- L-għamara tat-toroq.
- Infurzar fuq permessi tax-xogħlijiet.
- *Noticeboards.*

<u>Roderick Caruana - Kunsillier</u>



- L-enerġija.
- L-Ambjent.
- Il-ħarsien tal-ġwiebi.

Sean Chircop - Kunsillier



- L-istorja u l-kultura.
- It-turiżmu.
- Il-premju *Ġieħ iż-Żejtun.*
- Ir-riabilitazzjoni u r-restawr.
- Il-ħarsien taż-żona urbana ta' konservazzjoni u skedar.
- It-tradizzjoniijiet folkoristiċi u d-djalett, inkluż l-identità Żejtunija.
- Il-konfini, il-periferija, in-numerazzjoni tal-bibien.
- L-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar.
- Tabelli bl-ismijiet inkluż it-tismija tat-toroq.
- Sit elettroniku tal-Kunsill u żviluppar ta' mezzi godda ta' komunikazzjoni.
- Il-Librerija tal-Kunsill.

Stephanie Fenech – Kunsilliera



- L-iżvilupp ta' faċilitajiet sportivi.
- Ir-relazzjonijiet barranin u l-ġemellaġġi.
- Iż-żgħażagħ u l-isport.
- *Youths @ local.*
- Ħarsien tal-annimali.
- Medja.
- Saħħa, Sanita u promozzjoni ta' Trasport Alternattiv.
- It-Trasport Pubbliku.
- Informazzjoni fuq Fondi mill-UE.
- Ix-xjenza, ir-riċerka u t-teknoloġija.
- It-taħriġ fit-teknoloġija tal-informatika.

## L-Impjegati tal-Kunsill

Il-Kunsill għandu seba' impjegati, kif ġejjin:

| L-isem | Il-kariga |
|---|---|
| Anton Falzon | Is-Segretarju Eżekuttiv |
| Angelo Caruana | Assistent Principali |
| Reuben Mamo | Uffiċjal Eżekuttiv |
| Stefan Borg | Skrivan |
| Marthese Zahra | Skrivana |
| Ann Marie Borg | Skrivana |
| Jesmond Galea | Skrivan (*part-time*) |

Għandu wkoll seba' impjegati sekondati:

| L-isem | Il-kariga |
|---|---|
| Vincent Grixti | Ħaddiem tal-IPSL, assenjat mal-Kunsill |
| Joseph Chetcuti | Ħaddiem tad-*District Operation Ltd.*, assenjat mal-Kunsill |
| Frankie Spagnol | Ħaddiem tad-*District Operation Ltd.*, assenjat mal-Kunsill |
| Francis Borg | Ġardinar, impjegat mal-Kunsill |
| Joseph Fenech | Ġardinar, impjegat mal-Kunsill |
| Samuel Grima | Ġardinar tad-*District Operation Ltd.*, assenjat mal-Kunsill |
| Antonio Lapira | Ġardinar tad-*District Operation Ltd.*, assenjat mal-Kunsill |

## L-Istruttura tal-Organizzazzjoni



Il-Kunsill ifassal il-politika kollha wara li jikkunsidra u jistħarreġ ir-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjonijiet, il-Kumitati jew is-Sottokumitati maħluqa minnu. Id-deċiżjonijiet jinbtu mill-Kunsill; is-Sindku u l-kunsillieri jaraw li jseħħu. Is-Sindku, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, huma responsabbli mill-finanzi u r-rappreżentanza legali tal-Kunsill (Artikli 26 u 27).

L-irwoli tas-Segretarju Eżekuttiv u s-Segretarjat huma distinti minn dak tal-Kunsill. Is-Segretarju, li l-liġi tiddefinixxih bħala l-kap eżekuttiv, amministrattiv u finanzjarju tal-Kunsill (Artiklu 52), hu responsabbli li jwettaq id-deċiżjonijiet tal-Kunsill.

## Il-Funzjonijiet u l-Komunikazzjoni




L-Assistenti Prinċipali u l-Uffiċjali Eżekuttivi jipprovdu l-assistenza kollha meħtiega lill-Kunsill u jservu bħala l-kuntatt tal-Kunsill mal-pubbliku. Il-Kunsill għandu mpjegati miegħu tmien ħaddiema manwali biex ikunu jistgħu jagħmlu dak ix-xogħol li, bosta drabi, ma jidħolx għalih xi kuntrattur.

Ix-xogħol ta' maniġer tal-kuntratti, li jieħu ħsieb il-kuntatti bejn il-Kunsill u l-kuntrattur u jiċċertifika l-ħlasijiet taħt l-istess kuntratti, ħafna drabi jitwettaq mill-kunsillieri bla ħlas.

## Il-Laqgħat tal-Kunsill

Matul l-2021, il-Kunsill iltaqa' 11 -il darba. Bħas-snin preċedenti, l-attendenza u sehem kontinwu mill-kunsillieri ma naqsux, minkejja li jkollhom impenji oħra, avolja l-ħidma fil-Kunsill issir fuq bażi volontarja. Hawnhekk hawn it-tabella tal-attendenza tal-Kunsilliera għas-sena 2021:



# Doris Abela, is-Sindku

## Introduzzjoni

Insellmilkom! Bħal kull sena, qed inressqu quddiemkom ir-rapport ta' ħidma tagħna, sabiex nagħtu ħarsa lejn dak li wettaqna matul is-sena 2021. Minkejja li din ukoll kienet sena kkaratterizzata mill-pandemija, nista' ngħid li x-xogħol tal-Kunsill baqa' għaddej b'ritmu tajjeb kif ser naraw f'dan ir-rapport.

Bla dubju ta' xejn, il-ħtiġijiet tal-lokal tagħna huma kbar u daqstant ieħor huma l-isfidi li niltaqgħu magħhom ta' kuljum. Sfida partikolari li l-Kunsill qed jiffaċċja hija n-nuqqas ta' riżorsi umani, b'mod speċjali fejn jidħol ix-xogħol ta' manutenzjoni.

Bħalissa qed naħdmu b'erbgħa ħaddiema tal-*Community Workers' Scheme* u wieħed tal-IPSL. Kellna żewġ ħaddiema tal-*Community Workers*, is-Sur Martin Cassar u s-Sur Joseph Farrugia, li ġew trasferiti ma' Kunsilli oħra u minflok għandna lis-Sur Samuel Grima u s-Sur Antonio Lapira li qed jieħdu ħsieb is-*soft areas* u tindif tal-ġonna rispettivament. Kellna mpjegat ieħor, is-Sur Frans Camilleri, li rtira fl-aħħar ta' din is-sena u hawnhekk nieħu l-okkażjoni sabiex nirringrazzjah tal-ħidma tiegħu tul dawn is-snin u nawguralu għall-futur.

Il-mod ta' kif jitħaddem l-operat tal-Kunsilli, fejn bilfors trid tinħareġ sejħa għall-kuntrattur, mhux dejjem jagħti riżultati tajbin. Din is-sena ħassejna li minħabba diffikultajiet li konna qed niltaqgħu magħhom fil-manutenzjoni tal-ġonna, għandna ningaġġaw żewġ ġardinara, minflok naħdmu bil-kuntrattur. Din id-deċiżjoni kienet waħda tajba, tant li diġà wriet li qed taħdem u tħalli l-frott. Filfatt nifraħ liż-żewġ ġardinara s-Sur Frans Borg u s-Sur Joseph Fenech li issa huma mpjegati magħna.

# Toroq u Infrastruttura

## *Triq il-Kbira*

Din is-sena bdejna bit-tlestija ta' Triq il-Kbira, fejn hawnhekk ilħaqna ftehim ma' *Infrastructure Malta* sabiex l-ewwel parti ta' din it-triq issir bil-*Printed Concrete*. B'hekk inkunu qed inkomplu mal-pjan tagħna ta' tisbiħ taċ-ċentru bl-iskop li nattiraw aktar turisti lejn il-lokalita' tagħna.



## *Triq Wied il-Għajn*

Tlestiet ukoll Triq Wied il-Għajn li saret minn naħa tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Hawn saru l-mains għan-*New Water* u servizzi oħra u finalment ingħata l-wiċċ tat-triq ukoll.

## *Triq il-President Anton Buttiġieġ*

Hekk kif wasal fi tmiemu l-proġett ta' Vjal il-25 ta' Novembru lejn Diċembru 2020, beda x-xogħol fuq Triq il-President Anton Buttiġieġ. Hawnhekk sar xogħol estensiv minħabba li t-triq kienet sfrundat wara telqa assoluta, għaldaqstant saru ħames saffi ta' materjal sabiex l-art tkun soda u tiflaħ għall-ammont kbir ta' traffiku li jgħaddi minnha ta' kuljum. Sabiex tiġi ndirizzati l-problema ta' sewqan eċċessiv, saru *bollards* fin-nofs kif ukoll *anti-skid flooring* mal-*pelican lights*.

Grazzi għall-ħidma tal-Gvern Ċentrali u l-Aġenzija Infrastruttura Malta rajna proġetti kbar bħal Vjal il-25 ta' Novembru kif ukoll Triq il-President Anton Buttigieg, fejn il-Gvern investa l-miljuni sabiex ikollna toroq aħjar u aktar sikuri.



## Proġetti mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma

Wara diversi laqgħat li kelli mat-tmexxija tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, intlaħaq ftehim dwar proġett ta' bdil tal-*mains* tal-ilma kif ukoll dak tad-drenaġġ fi ħdax -il triq madwar il-lokalita' tagħna sabiex ikollna titjib fil-kwalita' tal-ilma tax-xorb kif ukoll fis-servizz tad-drenaġġ. It-toroq li ser jibbenefikaw minn dan il-ftehim huma :

- Triq Santa Monika.
- Triq Connaught.
- Triq Piju X.
- Triq San Ġuzepp.
- Triq Santa Fawstina.
- Triq San Porfirju.
- Triq Beland.
- Triq il-Ġiebja Rumana.
- Triq it-Tursin il-Bir.
- Triq il-Kammumilla.
- Triq il-Kantur.

Dan ix-xogħol beda f'Ġunju u sal-aħħar tas-sena 2021, tlestew Triq it-Tursin il-Bir u Triq il-Kammumilla. Hawnhekk ma nistax ma nsemmix ukoll li wara talba li għamilt sabiex isiru l-bankini u l-wiċċ sħiħ ta' dawn it-toroq, din it-talba ġiet milqugħa u grazzi għall-kollaborazzjoni ta' *Infrastructure Malta*, qed naraw li l-proġett ikun komplut. Barra dan, IM qed tagħmel ukoll biċċiet żgħar ta' toroq ġewwa ż-żona ta' Ganza, bħal Wesgħet ta' Ganza u Trejqet il-Kammumilla, fejn dawn kienu ilhom għexieren ta' snin abbandunati.



***Triq it-Tursin il-Bir***



***Triq il-Kammumilla***

## *Misraħ Santa Marija*

Pjazza oħra li ħadna ħsieb nirranġaw kienet Misraħ Santa Marija. Hawnhekk sar pavimentar ġdid bil-kubetti, bankijiet ġodda u tħawlu siġar taċ-ċitru biex tajna dehra isbaħ lil din il-pjazza ħelwa u ffrekwentata minn ħafna.



## Misraħ is-Suq

Wara diversi talbiet li għamilna dwar l-istat ħażin ta' Misraħ is-Suq kif ukoll il-Latrina Pubblika, kelli laqgħat mal-Perit Gauci minn naħa ta' *Infrstructure Malta* kif ukoll mal-Perit Zerafa Boffa minn naħa tal-*Public Works* sabiex naraw it-triq 'il quddiem sabiex jinbeda x-xogħol ta' tisbiħ ta' din il-pjazza. Ix-xogħol mistenni jibda s-sena d-dieħla.



## Triq Xrobb l-Għaġin

Ta' diżappunt kbir huwa l-proġett ta' Triq Xrobb l-Għaġin. Dan ix-xogħol li issa daħal fir-raba' sena tiegħu ħoloq inkonvenjent kbir għal kulħadd, iżda b'mod speċjali għar-residenti, bdiewa, raħħala u dawk kollha li kienu jiffrekwentaw din it-triq għal mixja tagħhom. Kelli diversi laqgħat mat-tmexxija tal-WSC, iżda minħabba li l-kuntrattur ma kienx qed iżomm maż-żmien stipulat fil-kuntratt, ix-xogħol kellu jiġu terminat bil-konsegwenza li kellna nistennew sena sakemm inħarġet sejħa oħra u dan ingħata lil kuntrattur ieħor. Nittammaw li din is-saga tingħalaq sal-2022 għal ġid ta' kulħadd.

Ilħaqna ftehim ukoll mal-*Public Works* u s-sezzjoni tal-*Coastal & Stormwater Unit* sabiex hekk kif qed isir ix-xogħol fi Triq Xrobb l-Għaġin, ikun xieraq li ż-żona ta' madwar il-ġibjun tiġi rranġata wkoll. Dan ix-xogħol beda u mistenni jitlesta fil-bidu tas-sena d-dieħla.



## *Dog Park* - Ġebel San Martin

Proġett ieħor infrastrutturali kien id-*Dog Park* ta' Ġebel San Martin. Nixtieq nirringrazzja lill-Kunsilliera, Stephanie Fenech, inkarigata mill-Ħarsien tal-Annimali, li ħadet ħsieb dan il-proġett li kien mixtieq minn ħafna sidien tal-klieb li għandhom għal qalbhom il-ħarsien u l-benesseri tagħhom. Dan il-proġett sar b'investiment ta' €25,000 li parti minnhom ġew permezz ta' fondi li l-Kunsill ibbenefika minn *GreenPak,* kif ukoll minn skema mnedija mill-Ministeru għad-Drittijiet tal-Annimali u d-Dipartiment.



Photo: DOI - Pierre Sammut

## Bankini u Xogħlijiet Oħra

Saru diversi xogħlijiet fuq bankini f'diversi toroq, kemm mill-ħaddiema tagħna, kif ukoll mill-kuntrattur fosthom :

- Triq Ġużeppina Curmi.
- Triq is-Salvatur.
- Triq Santu Wistin.
- Ġebel San Martin.



***Ġebel San Martin***



*Triq Ġużeppina Curmi*



*Triq Santu Wistin*

## Manutenzjoni u Tisbiħ ta' Ġonna

### Ġnien Mikiel Anton Vassalli - Mejju 2021

Matul din is-sena tlesta x-xogħol f'dan il-ġnien fejn kien ilu jinħass il-bżonn li jiġi rinovat, kemm minħabba l-istat ta' telqa u abbuż li kien jinsab, fih kif ukoll sabiex dan l-ispazju miftuħ ikun jista' jintuża kemm mill-familja kif ukoll mill-istudenti tal-Iskola Primarja A u B li jinsabu biswitu.

B'investiment ta' €120,000. li minnhom €25,000 ġew ko-finanzjati minn *Sportmalta*, saru xogħlijiet infrastrutturali, *rubber flooring*, tagħmir tal-logħob tat-tfal, kif ukoll sistema ta' CCTV. Xi ħaġa li hija ta' importanza f'dan il-proġett hija dik li l-*playground* huwa wieħed aċċessibbli għall-persuni b'diżabilita', grazzi għall-għajnuna tar-Reġjun Xlokk u l-għotja ta' bandla, li hija aċċessibbli għal persuni b'diżabilita.



***Qabel***



***Wara***

## Ġnien il-Kmandant - Lulju 2021

Wara diversi ntoppi li nqalgħu waqt l-andament tax-xogħol, dan il-ġnien tlesta u ġie inawgurat f'Lulju. Parti mill-ispiża biex seta' jitwettaq dan ix-xogħol ġiet minn skema mnedija minn Ambjent Malta, fejn il-Kunsill ibbenefika minn €30,000 f'Fondi. Fost ix-xogħlijiet li saru ġiet restawrata l-ġiebja, saret sistema ta' irrigazzjoni kif ukoll tħawlu madwar 800 siġra u arbuxelli indiġeni.



## Ambjent - Siġar

F'dan il-qasam komplejna għaddejjin b'ritmu tajjeb, grazzi għall-għajnuna u koperazzjoni li sibna minn *Infrastructure Malta*, fejn din is-sena tħawlu aktar minn 600 siġra oħra indiġena f'diversi nħawi fil-lokalita' tagħna fosthom: Triq Ħaż-Żabbar, San Klement u Ġebel San Martin. Tħawlu siġar taż-żebbuġ, palm, rummien, Ta' Ġuda, Ħarrub, ċipress u *Jacaranda* fost oħrajn.





Din is-sena kellna donatur ieħor, Dr Steve Borg, li grazzi għal din l-għotja ta' 14 -il siġra, ħawwilna aktar siġar indiġeni, fosthom: lewż, żebbuġ, ħarrub u Fraxxnu. Dawn tħawlu fi Ġnien il-Kmandant kif ukoll fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. Grazzi għal *Infrastructure Malta* u nies bħal Steve, flimkien ma' individwi oħra, il-familja tas-siġar fil-lokalita' tagħna qed dejjem tkompli tikber! B'kollox f'dawn l-aħħar 4 snin, ħawwilna aktar minn 2000 siġra!



## Fjuri fi Ġnien l-Għannejja Żwieten



## Tisbiħ tat-Toroq u Sqaqien

Wegħda li konna għamilna fil-manifest elettorali kienet it-tisbiħ tat-toroq u sqaqien fil-lokalita' tagħna. Wara li sar il-pavimentar ta' Triq Gwiedi u Ħabel ix-Xgħir, kien imiss li jiġu nstallati fanali ġodda f'dawn it-toroq. Dawn saru bl-għajnuna ta' Fondi li l-Kunsill ibbenefika minnhom permezz ta' skema mnedija mill-LESA. Iktar 'il quddiem ser inkunu qed nagħmlu qsari biex jikkumplimentaw ix-xogħol li diġa' sar.




## Reġjun Xlokk

Din is-sena kienet l-aħħar sena li ser nkunu parti mir-Reġjun Xlokk, hekk kif mill-1 ta' Jannar 2022 ser ningħaqdu mar-Reġjun Nofsinhar wara t-tibdil li sar fuq skala nazzjonali fuq ir-Regjuni, fejn minn ħames reġjuni, ser ikollna sitta. Nixtieq nieħu l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lill-President, is-Sur Paul Farrugia, u l-membri kollha tar-Reġjun Xlokk tal-ħidma li wettaqna flimkien u tal-għajnuna li dejjem sibna. Din is-sena bbenefikajna minn maskri li ppreżentajnihom lit-tfal kollha tal-Iskola Primarja A u B. Bis-saħħa t'għajnuna finanzjarja għat-tiżjin tal-Milied, ta' kull sena qed inżidu mad-dekorazzjonijiet tas-snin ta' qabel. Apparti minn hekk, dan ir-Reġjun kien ta' għajnuna wkoll f'xogħol ta' manutenzjoni li sar fil-*gym* ta' San Girgor, grazzi għall-ħaddiema tar-Reġjun. Nemmen u nħares 'il quddiem li ser inkomplu naħdmu bl-istess kollaborazzjoni mar-Reġjun Nofsinhar.







## Restawr ta' Knejjes

Grazzi għad-Direttorat tar-Restawr u l-Ministeru għall-Kultura, tlesta x-xogħol ta' restawr fuq il-Knisja tas-Salvatur fejn saru diversi nterventi partikularment fuq barra, fejn dan ix-xogħol sewa madwar €60,000. Ħadna ħsieb ukoll nagħmlu bankijiet ġodda u siġar taż-żebbuġ fil-pjazzetta żgħira li hemm mal-knisja sabiex isservi ta' spazju li jista jitgawda mir-residenti tal-madwar.

Restawr ieħor importanti li tlesta matul din is-sena kien dak tal-faċċata tal-Knisja Parrokkjali, xogħol impekkabbli fejn spikka aktar is-sbuħija tal-Katidral tal-Lvant. Nixtieq nirringrazzja lill-Ministru Owen Bonnici li kien strumentali sabiex dan ix-xogħol seta jitwettaq.





## *Olive Twist*

Rajna wkoll it-tlestija ta’ proġett ieħor, dak ta’ arti f’Misraħ Dom Mintoff. Grazzi għal skema mnedija mill-Ministeru tax-xogħlijiet u Spazju Kreattiv, il-Kunsill ibbenefika minn €30,000 fondi sabiex setgħet issir din l-iskultura li tirrappreżenta in-niżġa tas-siġra taż-żebbuġ. Din hija l-ewwel skultura moderna li ġiet installata fil-lokal tagħna, u nirringrazzja lill-MUYA li kienu strumentali sabiex ksibna dawn il-fondi, kif ukoll lill-Perit Rune Bo Jacobsen, li kien l-artist ta’ din l-installazzjoni. Ma nistax ma nirringrazzjax ukoll lit-tfal kollha, għalliema u ġenituri, kemm mill-Iskola Primarja B, kif ukoll min-*nursery* taż-Żejtun Corinthians, li taw sehemhom sabiex saru l-forom tal-*concrete* madwar il-monument bħala parti minn dan il-proġett.





## *Cleansing and Maintenance*

Grazzi għall-ftehim milħuq bejn il-Kunsill Lokali u l-*Cleansing and Maintenance Division*, qed insibu kollaborazzjoni sħiħa kif ukoll għajnuna fejn jidħol tindif fil-lokalita' tagħna. Din is-sena, li kienet karatterizzata mill-pandemija, kien meħtieġ li jiġu diżinfettati postijiet pubbliċi li jkunu l-aktar frekwentati, u hawnhekk sibna appoġġ kbir minn naħa tal-Kap Eżekuttiv, is-Sur Ramon Deguara. Inħarsu 'l quddiem għal aktar kollaborazzjoni flimkien fis-snin li ġejjin.










Photo: DOI - Clifton Fenech

# Laqgħat, żjarat u attivitajiet oħra relatati mar-rwol tiegħi fil-Kunsill



Photo: DOI - Clifton Fenech



















## Konklużjoni

Bla dubju ta' xejn, din kienet sena oħra mpenjattiva fejn ħdimna sabiex dak li wegħdna u ppjanajna naraw li nwettquh. L-ispejjeż sabiex isiru l-proġetti huma kbar u minkejja li r-riżorsi tal-Kunsill huma limitati, dan ma jaqtalniex qalbna milli naraw kif ser nibbenefikaw minn fondi u skemi li joħorġu minn żmien għal żmien. Kienet sena oħra fejn bħala Kunsill ibbenifikajna minn xejn inqas minn €255,000 bħala fondi li jtaffu ftit mill-ispejjeż involuti fit-twettiq tax-xogħlijiet. Permezz ta' dawn il-fondi, il-Kunsill ser ikun f'pożizzjoni li jinvesti f'vettura taħdem bl-elettriku sabiex tkun tista' tgħin lill-anzjani jagħmlu l-qadi tagħhom f'postijiet bħal Berġa, Banek u Suq fost oħrajn. Proġetti oħra ser ikunu, titjib fil-kundizzjoni tal-*playing field* fi Ġnien Brejġu u pavimentar ġdid fi Ġnien l-Għannejja Żwieten, liema fondi kienu mnedija minn Transport Malta u mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rispettivament.

Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-Gvern Ċentrali tal-appoġġ tiegħu f'sena oħra ta' pandemija, fejn permezz tal-għajnuna finanzjarja kien strumentali sabiex iċ-ċentru tagħna għall-ħarsien tat-tfal - il-Manuċċa, seta' jibqa' jiffunzjona b'mod tajjeb minkejja d-diffikultajiet kollha li ġabet magħha l-pandemija.



Photo: DOI - Clodagh O'Neill




PHOTO : DOI - Jason Borg

Nagħlaq  dan ir-rapport billi nirringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Anton Falzon, tal-għajnuna kontinwa u d-dedikazzjoni tiegħu sabiex jara li l-pjanijiet u proġetti tal-Kunsill jitmexxew 'il quddiem. Żgur li mingħajr dan l-appoġġ dan ix-xogħol ma jkunx possibbli.

Grazzi wkoll lill-ħaddiema kollha klerikali, kif ukoll dawk manwali. Fl-aħħar u mhux l-inqas, nirringrazzja lil sħabi Kunsilliera tas-sapport u tax-xogħol li jwettqu minkejja l-limitazzjonijiet tagħhom, lill-Għaqdiet kollha Żwieten kif ukoll lir-residenti tal-appoġġ kontinwu tagħhom lejn il-ħidma tal-Kunsill.

Ilkoll flimkien għal Żejtun isbaħ u aħjar!

# Joan Agius, il-Viċi-Sindku

## Introduzzjoni

Għat-tieni sena kelli nibdel ir-rutina, rutina li kelli għal dawn l-aħħar 28 sena. Snin li dejjem tawni sodisfazzjon personali. Sena oħra impenjattiva b'mod ristrett biex nimxu mad-direttivi tad-dipartiment tas-sahha. Id-dipartiment kien qed joħroġ diversi direttivi minn gimgħa għal oħra sabiex jikontrolla din il-pandemija tal-*corona virus*. COVID-19 għadu magħna u allura lkoll kellna nagħmlu l-almu tagħna biex inżommu l-komunità tagħna għaddejja b'dan il-mod ta' ħajja ġdida.

Dis-sena kienet naqra aħjar għax bdew jitnaqqsu ċertu direttivi minn Marzu 2020. Jien bqajt nagħti l-għajnuna tiegħi lil diversi persuni b'mod dirett fil-qasam soċjali fejn jidħlu familji fil-bżonn. Kienu diversi familji li talbu l-għajnuna tiegħi u bħala persuna responsabbli mill-assistenza soċjali tajt l-għajnuna tiegħi lil kull min talabni.

Għalkemm id-dekasteri tiegħi naqqsu, jiena xorta bqajt nagħti s-sehem tiegħi fejn hu possibli, fosthom: Familja, Tfal, Ċentru Arti u Artiġjanat, l-Manuċċa *Child Care Centre* u Żejt iż-Żejtun, fejn dawn jibqgħu parti essenzjali għalija għax kont strumentali biex twaqqfu fil-komunita' tagħna u b'hekk qatt ma naqqsu mill-ħidma tiegħi. Dan kollu qed isir wara l-ħin tax-xogħol, fejn il-ħin liberu qed niddedikah lill-komunita' Żejtunija. Ħidma produttiva li qiegħda ssir fil-kwiet b'tant imħabba u b'kunfidenzjalita' kbira. L-attivitajiet, bħas-snin l-imgħoddija, kienu immirati lejn il-Familja, Tfal u l-Komunita', pero' taħt id-direttivi tad-Dipartiment tas-Saħħa.

## Tfal

Minkejja li diversi tfal xtaqu li jattendu, kontra qalbi jien ħassejt li huwa dmir tiegħi li nwaqqaf dawn is-sezzjonijiet tal-*Kids Club* waqt dan il-perjodu tal-COVID-19. Kelli diversi studenti tas-SOK li bdew iwasslu l-ħidma tagħhom permezz ta' PPT, fejn dawn ġew aċċettati mil-iskejjel tagħhom. Żammet kuntatt ukoll mat-tfal permezz tal-Internet fejn apprezzaw ħafna.

Pero meta l-każijiet bdew nieżlin, tajt bidu mill-ġdid għall-*Kids Club*. Dan baqa' sejjer bejn Ġunju u Diċembru. F'Diċembru, kelli nerġa' inwaqqaf l-*Kids Club* għax bdew telgħin il-każijiet fost it-tfal. Din is-sena, it-tfal ħadmu fuq diversi proġetti tal-*crafts*, fejn ħadu gost ħafna. Ħadu sehem ukoll fl-attivitajiet b'differenza ta' Żejt iż-Żejtun.

## Saru diversi attivitajiet fosthom:

- *Kids Club* Xitwa kull nhar ta’ Sibt bejn is-2.30pm u l-4.30pm.
- *Kids Club* Sajf bejn l-4.00pm u l-5.30pm.
- Tisjir għat-tfal.
- Korsijiet għat-tfal matul is-Sajf.
- Parties *tal*-Karnival *u* l-*Halloween*.
- *Crafts.*
- Diversi logħob għat-tfal.
- Ħarġa għall-Esplora - fejn it-tfal ħadu gost ħafna.
- *Water Games.*









## Familja

Il-familja wkoll għandha posta fil-ħidma tiegħi. Din is-sena saru dawn l-attivitajiet għall-familja. Kellna żewg *weekend breaks* għall-familja, wieħed f'Ġunju u l-ieħor f'Novembru. Kellna wkoll żewġ ħargiet għal Kemmuna f'Ġunju u Lulju. F'Ottubru organizzajt ħarġa oħra għall-familja, din id-darba għall-Esplora, fejn kellna attendenza kbira. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li kienu diversi nies li xtaqu joħorġu minħabba l-fatt li l-attivitajiet kollha ta' madwarna kienu limitati.







Ħdimt fit-tqassim tal-ikel mil-Leap li qed isir miċ-ċentru tagħna Arti u Artiġjanat lil diversi familji. Qassamna wkoll il-boroż tal-GreenPak sabiex inkomplu nirriċiklaw l-iskart tagħna.

Il-*Cruise* fuq il-Mein Schiff / Costa Firenze għar-residenti Żwieten kellu jiġi mħassar ukoll minħabba l-fatt li diversi persuni beżgħu jattendu.

## Pantomina 2021 - Bajda Mewt *(*Kitba u Direzzjoni ta' Andre' Mifsud)

Fl-assenza tal-pantomima tradizzjonali ta' kull sena, dal-Milied ippjanajna l-**Pantomina b'differenza Bajda Mewt.** Kellna kollox lest biex tittella' bejn is-27 u t-30 ta' Diċembru 2020. Din id-darba ma kienx ser ikun hemm tfal żgħar li jieħdu sehem minħabba li dawn ma kienux imlaqqma għall-vaċċin ta' kontra l-COVID-19.

Iżda fis-26 ta' Diċembru kellna inħassru kollox sabiex insegwu d-direttivi maħruġin mid-Dipartiment tas-Saħħa, li ma jistgħux isiru attivitajiet tal-massa. Ġbidna din il-panto fuq il-*video* waqt id-*dress rehearsal* li kellna fis-26 ta' Diċembru.

Aħna lesti li ntellawha għas-sena 2022, dejjem jekk inkunu nistgħu, minħabba l-fatt li sfortunatament, riċentament is-sala tal-Iskola Primarija B kellha tinbidel, fejn issa mxiet il-librerija. Is-Surmast, is-Sur E. Pace, jixtieq ħafna li aħna nżommu dan l-appuntament ta' kull sena, sabiex fil-Milied tittella' il-**Panto tagħna fl-Iskola Primarja B fiż-Żejtun.**



## Manuċċa *Child Care Centre* taż-Żejtun

Din is-sena wkoll, aktar minn qatt qabel, kelli ħafna xogħol biex nimxi mar-regolamenti tal-COVID-19. Għal darb'oħra, kellna nagħlqu ċ-ċentru tagħna, bħal diversi ċentri oħra. Ħdimt ħafna biex inżomm lit-tfal u l-istaff tagħna fuq il-lista tax-xogħol u bir-regolameti kollha kif avżati mid-Dipartiment tas-Saħħa.

Kienet sena li sar l-*Audit* tagħna u kburija ngħid li għas-sena oħra, minkejja dawn il-problemi kollha tal-COVID-19, ħriġna b'rapport eċċellenti. Dan iċ-ċentru qed iħalli madwar €36,000 dħul fis-sena lill-Kunsill Lokali taż-Żejtun. Jien kburija li l-ħidma tiegħi mill-ewwel ġurnata mit-twaqqif ta' dan iċ-ċentru kienet ta' suċċess.

Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-Gvern li kien ta' għajnuna matul din is-sena wkoll, kemm magħna bħala ċentru tat-tfal, kif ukoll mal-ħaddiema kollha tal-*Free Child Care Centres* u diversi ħaddiema oħra.

Jien qed nagħmel dan ix-xogħol ta' maniġment b'mod volontarju u minn qalbi, fejn insegwi u mmexxi b'mod professjonali liċ-ċentru tagħna. Dan mhux jien ngħidu imma kull min jattendi fiċ-ċentru tagħna. Inżomm ukoll aġġornat lill-bord tat-tmexxja b'dak kollu li jkun għaddej. Fiona Camilleri hija l-Koordinatur tagħna filwaqt li hemm 6 *carers* u *helpers* jaħdmu fiċ-ċentru tagħna. Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, kellna nnaqsu t-tfal minn 42 għal 32.

Hawn nixtieq nirringrazzja lill-Bord kollu, *carers* kif ukoll ġenituri tat-tfal għall-fiduċja tagħhom fiċ-ċentru tagħna. Nista' ngħid li din is-sena kellna ħafna aktar laqgħat sabiex nimxu mad-diversi direttivi li ħarġu matul is-sena.

## Ċentru Arti u Artiġjanat

L-Għaqda Folklor, Storja, Arti u Artiġjanat taż-Żejtun kompliet l-għan ewlieni tagħha billi saru diversi korsijiet. Dawn il-korsijiet tkomplew fuq struzzjonijiet maħruġin mid-Dipartiment tas-Saħħa. Kellna tifla ta' 11 -il sena li tgħallmet iċ-ċombini waqt ix-xhur tax-Xitwa. Din it-tifla ġiet imfaħħra wkoll mill-*media.*

## GAL Xlokk

Għal diversi snin, bħala membru fil-Bord tal-GAL Xlokk, qed nagħti s-sehem tiegħi favur xogħol fejdieni għaż-Żejtun, fejn qed inħejju diversi proposti fit-tfassil tal-miżuri ġodda fil-pjan ta' strateġija dwar Regoli Operattivi għall-programmi diversi sabiex issir referenza fis-sottomissjonijiet. Jien nieħu ħsieb ukoll li nara li kemm il-Kunsill kif ukoll għaqdiet oħra Żwieten jieħdu fondi mill-GAL Xlokk.

## Żejt iż-Żejtun - 14 u 15 -il Edizzjoni

Minkejja li din l-attività ma setgħetx tiġi ċċelebrata bil-mod kif konna mdorrijin biha, is-sena l-oħra ħriġt b'idea ġdida. Il-Kunsill qabel miegħi b'mod unanimu u b'hekk xorta waħda ċċelebrajna b'mod differenti, fejn ħadu sehem it-tfal tal-iskola u involvejna kemm stajna lill-komunità permezz ta' kompetizzjonijiet u webinars kollha relatati ma' din il-festa.

Hawnhekk nixtieq nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-Ministru tal-Kultura u Gvern Lokali, l-Onor. Jose' Herrera kif ukoll lill-Ministru tal-Agrikoltura, l-Onor. Anton Refalo, tal-kontribut

tagħhom sabiex stajna ntellgħu din l-attività. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-Ministru tal-Edukazzjoni, l-Onor. Owen Bonnici, tal-għajnuna tiegħu fejn jidħlu t-tfal tal-iskola.

Ippubblikajna ktejjeb fuq l-attivita' u dan tqassam ġo l-iskejjel Primarja A u B fiż-Żejtun. Il-kompetizzjoni kienet xi ħaġa innovattiva li marret tajjeb ukoll. Saret ukoll kompetizzjoni tat-tisjir fil-komunita' tagħna.

Nisperaw li din is-sena ssir l-attivita' fl-aħħar weekend ta' Settembru 2022 u x-xogħol li sar mit-tfal jiġi esibit waqt Żejt iż-Żejtun 2022.

## Għeluq

Fil-qosor tajt ħarsa ħafifa lejn l-attivitajiet tiegħi għal din is-sena. Sena oħra b'ħidma kbira b'risq iż-Żwieten. Grazzi mill-ġdid lil kulħadd.

J'alla din is-sena tkun aħjar minn din li kellna.

***Grazzi lil kulħadd.***
***Joan Agius***
***Viċi Sindku***

# Amanda Abela

Id-dekasteri li jiena responsabbli minnhom huma:

- Il-*policy* tal-ilma.
- L-Eko Konformita'.
- In-negozju u l-kummerċ.
- Il-liċenzji tal-ħwienet.
- Il-promozzjoni tan-negozji.

Kif esperjenza kulħadd, din is-sena kienet waħda fejn sfortunatament ġejna milqutin mill-pandemija tal-COVID-19 u għalhekk ċertu ħidma kellha titwaqqaf jew titnaqqas.

Minkejja dan, is-sena xorta waħda kompliet, fejn in-nies komplew jiġu mistiedna jġibu t-tappijiet tal-plastik fil-bini tal-Kunsill sabiex eventwalment ipparteċipajna f'inizjattiva għall-Istrina. Din hija inizjattiva li l-Kunsill Lokali jista' jibqa' għaddej biha s-sena kollha sabiex ngħinu fil-ġbir tal-plastik, li huwa wieħed mill-aktar oġġetti diffiċli biex jiġi rriċiklat, kważi kważi tista' tgħid li dan huwa impossibli.

Kienet ukoll sena fejn wassalt l-ilmenti, kif ukoll is-suġġerimenti tan-nies sabiex ir-resident iħossu moqdi, kif ukoll biex flimkien bħala Kunsill dejjem naħdmu għall-ġid tar-resident.

# Gesmond Baldacchino

## Introduzzjoni

Dan huwa r-rapport annwali għas-sena 2021. Sena f'ċirkostanzi eċċezzjonali, li għalkemm bir-restrizzjonijiet mitluba mill-Awtoritajiet tas-Saħħa, xorta waħda rnexxielna nkunu ta' servizz u għajnuna għall-komunita' Żejtunija.

## Parkeġġi għall-persuni bi bżonnijiet speċjali u diżabilita'

Wieħed mid-dekasteri li ġejt inkarigat minnu huwa l-parkeġġi għal persuni bi bżonnijiet speċjali u diżabilita'.

Ta' min wieħed jgħid li dan il-qasam huwa delikat ħafna minħabba li fih iffaċċjajt persuni, min b'diżabilita' severa u min b'anqas, li huwa żgur li huma nies vulnerabbli fis-Soċjeta'. Meta dħalt fid-djar tan-nies sabiex inkun nista' nevalwa, li aħna bħala Kunsill Lokali obbligati li nagħmlu minn entitajiet Governattivi, bħal Transport Malta, stajt nidħol fiż-żarbun tal-individwu u stajt inkun iktar preċiż fir-rapport li ridt inħejji. Id-deċiżjonijiet kienu varji min-naħa ta' Transport Malta, pero l-maġġoranza tal-każi marru favur ir-resident. Kellna wkoll deċiżjoniet, li anke wara li assistejna lill-individwu għall-appell, dawn ġew riveduti mid-deċizjoni li kienu marru kontra. Meta jiġi approvat parkeġġ u jsir, ikun hemm ukoll residenti li joġġezzjonaw. Din is-sena, ċertu nies li huma vulnerabbli u fil-pussess tal-*Blue Card u Special I.D.*, kellhom talbiet ma' T.M. sabiex jinħarġilhom il-parkeġġ personalizzat. Din qiegħda toħloq problema peress li l-kaxxa l-bluna qed tkun aktar ristretta.

Aħna, bħala Kunsill, noqogħdu attenti ħafna sabiex innaqqsu kull inkonvenjent, pero wieħed irid jifhem li sabiex dik il-kaxxa riservata tkun saret, kien hemm proċess ta' skrutinju li ma jħares lejn wiċċ ħadd sabiex din issir. Dan hu proċess twil li jibda mis-CRPD (*Commission for the Rights of People with Disability*) li fih ikun hemm rapport dettaljat mediku u rapport min T.M. *(Transport Malta).*






## Ħarsien tal-Ġonna Pubbliċi

Responsabbilta' oħra f' idejja hija s-sorveljanza għall-ħarsien ta' Ġonna Pubbliċi li għandna ġewwa ż-Żejtun fosthom:

- Ġnien il-Qawsalla.
- Ġnien Brejġu.
- Ġnien iċ-Ċrieki.
- Misraħ Mikiel Anton Vassalli.

Ġnien Mikiel Anton Vassalli saritlu manutenzjoni u *upgrade* professjonali sabiex ir-residenti tal-madwar ikollhom post ta rikrejazzjoni ta' livell għoli u estetikament mill-isbaħ. B'nefqa ta' 'l fuq minn mitt elf euro, f'dan il-ġnien, parti mill-art saret bit-turf artifiċjali u l-kumplament bis-*soft flooring* sabiex ma jkunx hemm periklu għat-tfal iż-żgħar. Huwa mistenni wkoll li jiġu nstallati bandli u logħob rikrejattiv adattat għat-tfal.

Xi ġonna pubbliċi jinkludu wkoll *playing fields* li dawn jirrikjedu manutenzjoni u ħarsien, l-aktar wara li jsiru xi atti vandali minn xi individwi rresponsabbli. Għalhekk, jien nieħu ħsieb li dawn jinżammu fi stat tajjeb u nadif, speċjalment meta s-siġar tal-madwar jibdew iwaqqgħu l-weraq staġjonali. Il-manutenzjoni tirrikjedi wkoll d-dawl pprovdut għal meta jidlam.



Nieħu ħsieb ukoll li dawn is-siġar isirilhom ż-żbir meħtieġ sabiex is-siġar jinżammu fl-istat li jixirqilhom u fl-istess ħin jagħmlu x-xogħol bżonnjuż li jipprovdu lill-ambjent. Huwa xieraq ukoll li r-residenti li jiddeċiedu li jqattgħu ftit ħin liberu f'dawn il-postijiet, ikunu adattati sabiex jirrilissaw mingħajr l-ebda periklu għal min jiffrekwentahom. Proċess li jieħu l-ħin u jinħtieġ superviżjoni sabiex iż-żbir isir kif suppost. Bl-għajnuna tal-Kunsillier Raymond Caruna, din is-sena anke ħadna d-deċiżjoni u inizjattivi sabiex iż-żbir ta' ċertu siġar f'postijiet fejn t-traffiku huwa inevitabbli, sar fil-preżenza tagħna fis-sigħat bikrin ta' filgħodu sabiex ikun hemm inkonvenjent mill-anqas bil-kooperazzjoni tal-ħaddiema tal-kuntrattur.



## Sorveljanza tal-Latrini Pubbliċi

Dekasteru ieħor li nieħu ħsieb huwa dak tas-sorveljanza tal-latrini pubbliċi.

Fiż-Żejtun għandna 3 latrini pubbliċi li jinsabu:

- Ġnien l-Għannejja (Ġnien San Girgor).
- Misraħ is-Suq.
- Misraħ ir-Repubblika (fil-pjazza taħt iz-zuntier, maġenb il-Knisja Parrokjali).

Nissorvelja li l-latrini ta' Ġnien San Girgor u Misraħ is-Suq jinżammu fi stat nadif u adattat sabiex il-pubbliku jkun jista' jinqeda bl-aħjar mod t'iġjene, filwaqt li l-latrina ta' Misraħ ir-Repubblika qiegħda taqdi sew il-bżonnijiet tal-pubbliku li jiffrekwentawha.

B'dispjaċir ikolli ngħid li minn żmien għal żmien, jinbtu gruppi ta' nies li ma jagħmlux ġieħ lis-Socjeta' tagħna peress li dawn jiġu u jqumu bil-vandaliżmu li jwettqu u li wieħed ma jimmaġinax li għad fadal nies irresponsabbli ta' din il-kwalita'. Fil-futur qarib mistenni li jibda x-xogħol f'Misraħ is-Suq, fejn din il-latrina ser tiġi rinovata mill-ġdid.



## Is-Suq fil-Beraħ

Għalkemm dan id-dekasteru ta' Suq fil-Beraħ mistenni li jgħaddi f'idejn il-Gvern imminenti, xorta waħda għamilt żjarat fuq il-monti sabiex nisma' problemi li jiffaccjaw ta' kull nhar ta' Erbgħa l-bejjiegħa. Ikun hemm ukoll ilmenti minn nies li jiffrekwentaw dan il-post. Għalkemm mhux dejjem ikun possibli li l-problemi li jiġu mressqa jkunu sostnuti, dejjem nippruvaw insibu kompromess sabiex wieħed isib is-soluzzjoni flimkien.

Wara diskussjonijiet bejn *Infrastructre Malta* u l-Kunsill, ġie deċiż li l-wiċċ tas-Suq jingħata kisja tarmak sabiex ikun hemm art tajba fejn jarmaw il-bejjiegħa tal-monti, kif ukoll sigurta' u aċċessibbilta' tajba għal min jiffekwenta. Ser isiru diskussjonjiet mal-bejjiegħa tal-monti sabiex sakemm isir ix-xoghol tal-art, dawn jiġu rilokati f'post alternattiv temporanjament sakemm jitlesta' x-xogħol, li mistenni jdum xahrejn. Fil-frattemp, is-suq mistenni jiġi rilokat fi Triq Toni Zahra.



## *Housing Estates*

Dekasteru ieħor li nieħu ħsieb huwa dak tal-*Housing Estates*, fejn fiż-Żejtun għandna 3 żoni li huma: Ġebel San Martin, Qasam ta' Ħal Tmin u Qasam ta' Ganza.

B'dispjaċir ninnota li l-bżonnijiet u x-xewqat tar-residenti fil-*Housing Estate* mhux dejjem ikunu milqugħa u ndirizzati mid-Dipartiment tal-*Housing* minħabba l-burokrazija li teżisti. Ċertu blokok li jeħtieġu manutenzjoni kbira fil-*lifts* qed jiffaċċjaw problemi kbar. Għalkemm bħala *estates* huma f'idejn id-Dipartiment tal-*Housing,* min-naħa tal-Kunsill dejjem nippruvaw inkunu ta' għajnuna għar-resident u nservu bħala punt ta' referenza sabiex dejjem niffaċilitaw il-ħajja tar-resident.

Riċentament, il-lift ta' Binja Minżel saritlu bidla radikali sabiex mill-ġdid sar funzjonabbli.

## Konklużjoni

Barra minn dawn l-affarijiet fdati lili mis-Sinjura Sindku, Doris Abela, dejjem nipprova nkun ta' għajnuna għaċ-ċittadin Żejtuni f'dak li jkollu bżonn. Dan kollu jsir sabiex b'sinerġija ma' sħabi l-Kunsillera kollha, ngħinu lil xulxin sabiex nippruvaw nagħmlu l-ħajja tal-poplu Żejtuni aktar faċli u rispettabli.

Fl-aħħar nett, nirringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll lill-istaff kollu tal-Kunsill Lokali tal-għajnuna u l-koperazzjoni li dejjem sibt mingħandhom.

# Dorcas Camilleri

## Introduzzjoni

Din kienet ir-raba' sena tiegħi bħala Kunsilliera fil-Kunsill Lokali taż-Żejtun. Id-dekasteri li jien responsabbli minnhom huma l-anzjani, persuni b'diżabilita' u l-edukazzjoni. Is-sena 2021 ma kinitx sena faċli, ġabet diversi sfidi magħha. Għalhekk din is-sena kienet differenti minn dik tas-soltu b'mod speċjali fejn jidħlu l-attivitajiet.

## Anzjani u Persuni b'diżabilita'

Għalhekk din is-sena rajt x'xinhu l-aktar importanti. Tul dan iż-żmien tal-pandemija ħassejt li l-aktar ħaġa importanti kienet li noffri l-għajnuna u l-assistenza tiegħi lill-anzjani u nies bi bżonnijiet speċjali fil-komunita' tagħna. Inħarsu 'l quddiem biex ikollna sena aħjar minn din biex nerġgħu nibdew norganizzaw l-attivitajiet bħas-snin ta' qabel.

## L-Għid il-Kbir

Għal din is-sena, din iċ-ċelebrazzjoni kellha tkun b'mod differenti minn dik tas-soltu. Minħabba l-miżuri li kien hemm dak iż-żmien, il-Purċissjoni tal-Irxoxt ma saritx. B'hekk iddeċidejt li din is-sena l-figolli jitqassmu xorta waħda lir-residenti ta' Fondazzjoni Nazareth li jinsabu fit-tliet id-djar. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-kollega tieghi Stephanie Fenech li kienet ġiet tagħtini l-għajnuna tagħha fit-tqassim.





## L-Edukazzjoni

Bħal kull sena, fis-Sajf saru l-klassijiet tar-reviżjoni, ovvjament fi gruppi żgħar u skond il-miżuri ta' dak iż-żmien. Din is-sena kellna madwar 25 student li attendew għal dawn il-lezzjonijiet. Dawn il-lezzjonijiet saru għal studenti tat-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt sena tal-primarja. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-għalliema Ms. Rachel Grima tas-servizz u d-dedikazzjoni tagħha.



## *Life Long Learning*

Bħala Kunsill Lokali din is-sena ġejna mogħtija żewġ korsijiet, li huma tal-Malti u tal-Ingliż. Dawn qed isiru kull nhar ta' Tlieta u Ħamis bejn il-ħamsa u t-tmienja ta' filgħaxija ġewwa l-Kunsill Lokali. Dawn ser jibqgħu għaddejjin sa Marzu 2022. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-kollega tiegħi Raymond Caruana li qed ikun ta' għajnuna kbira fil-ftuħ u l-għeluq tal-binja.

## *Olive Twist*

Għal dan il-proġett nixtieq ngħid grazzi kbira lill-istudenti tal-Iskola Primarja B kif ukoll lit-tfal taż-Żejtun *Corinthians Nursery* tal-parteċipazzjoni tagħhom. L-irwol ta' dawn it-tfal kien billi jagħmlu disinji differenti biex b'hekk ġew iffurmati 'Stepping Stones' ta' madwar il-monument 'Olive Twist' li jinsab f'Bir id-Deheb. Fl-aħħar u mhux l-inqas, nixtieq nirringrazzja lill-amministrazzjoni ta' l-istess skola kif ukoll lill-ħaddiema tagħhom tal-preparamenti li saru min-naħa tagħhom.









## Librerija



Tul din is-sena ġew mogħtija €600 biex inkomplu ninvestu f'aktar kotba fil-librerija biex b'hekk nolqtu aktar il-gosti tal-qarreja u nżiedu aktar l-varjeta' ta' ġeneri differenti. Barra minn hekk, nixtieq nirringrazzja lill-*Malta Libraries* tal-għotja tagħhom ta' €900 f'kotba.

Matul din is-sena, il-librerija kellha wkoll tibqa ssegwi l-miżuri mogħtija mill-Awtoritajiet tas-Saħħa, fejn apparti *contact tracing*, distanzi, etċ, kellna wkoll nibdlu l-ħinijiet tal-ftuħ u l-għeluq biex inżommu ma' kull protokol mogħti. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lis-Sinjura Myriam Marsh tas-servizz u dedikazzjoni tagħha tul dawn is-snin.

## Vawċers tal-Iskejjel

Fi żmien il-Milied, iż-żewġ skejjel Primarji taż-Żejtun ġew mogħtija l-ammont ta' €200 f'vawċer minn għand EduRomp f'isem il-Kunsill Lokali. B'hekk ingħataw l-ammont ta' €400 liż-żewg skejjel tal-Primarja fiż-Żejtun. B'dawn il-flus, l-iskejjel ingħataw aktar għajnuna biex jinxtraw diversi materjali edukattivi biex b'hekk inkomplu nsaħħu t-tagħlim ta' uliedna.



## Konklużjoni

Nixtieq nagħlaq dan ir-rapport billi nibda nirringrazzja lill-familja tiegħi tal-appoġġ, lis-Sinjura Sindku Doris Abela u lil sħabi Kunsilliera, lis-Segretarju Eżekuttiv, Anton Falzon u l-ħaddiema kollha tal-Kunsill tal-għajnuna u sapport kontinwu tagħhom.

Fl-aħħar u mhux l-inqas, nixtieq nirringrazzja lill-poplu Żejtuni tas-sapport u l-apprezzament tagħhom għax-xogħol siewi li jsir fih dan il-Kunsill Lokali.

# Raymond Caruana

## Introduzzjoni

Il-ħidma tagħna fil-Kunsill Lokali tfisser dedikazzjoni u impenn liema bħalu għal ġid tal-komunita’ Żejtunija. Qed nagħti ir-rapport ta' ħidma tiegħi bħala Kunsillier għas-sena li għaddiet, fejn kienet sena mhux daqstant faċli, kemm għall-Kunsill u anke għalina individwalment, bl-isfidi kollha li iffaċċjat id-dinja bil-pandemija tal-COVID-19. Sena li fiha ma qtajtniex qalbna sabiex inkomplu inwettqu il-ħidma tagħna bl-aktar mod dinjituż u b'konvinżjoni.

Id-dekasteri tiegħi jinvolvu ħafna ħidma għalija, peress li fih għandi sfidi li ta' kuljum trid taffaċċja wiċċek mal-ħajja ta' kuljum li ngħixu fiha. Id-dekasteri li nieħu ħsieb u li nista’ ngħid għamilt u qed nagħmel dak kollu li nista’ biex inkun ta’ servizz lejn in-nies, jikkonsistu f’dawn: Servizzi tal-Ilma u d-Drenaġġ, Servizzi tal-Elettriku fit-Toroq, Telekomunikazzjoni, Servizzi Postali, *Liason Officer* bejn il-Knisja u s-servizzi tagħha u l-Kunsill Lokali, il-Knis u t-Tindif tat-Toroq inkluż l-isqaqien rurali, tindif, tisbiħ u ħarsien tal-ġonna pubbliċi, Għamara tat-Toroq, Infurzar fuq Permessi tax-Xogħlijiet u *notice boards.*

## Servizz tal-Ilma u Drenaġġ



Nista’ ngħid li hawnhekk sar ħafna xogħol estensiv fejn jidħol ilma u drenaġġ. Sfida li ta kuljum ċertu residenti jċemplu fuq problemi, jew għax ikun telaq xi servizz tal-ilma barra, jew ikun instad xi drenaġġ. Kienet sena fejn fil-ħidma ta' kuljum ma waqfu xejn rapporti tan-nies dwar dawn is-servizzi. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil WSC, li kull meta daħħalna r-rapporti tagħna kienu ta' effiċjenza mill-ewwel sabiex il-ħsarat jiġu msewwija bil-lest. Ta' sodisfazzjon ukoll li żewg residenti għamlu talba biex ikollhom servizz ta drenaġġ ġdid peress li qegħdin ġo triq ġdida fi Triq Carmelo Carabott, u dan illum ġie konkluż sabiex setgħu jkunu moqdijin. Barra minnhekk, issewwew ukoll ħafna ħsarat ta' ilma u katusi li kienu ilhom ukoll ma jinbidlu għal ħafna snin.



## Servizzi tal-Elettriku fit-Toroq

Huwa ta' sodisfazzjon qawwi li kienet sena impekkabbli fejn għandu x’jaqsam servizzi ta' dawl fit-toroq. Veru li hija sfida ta’ kuljum għal bosta ħsarat li jkun hawn relatat mad-dawl ta' barra. L-ikbar spiża qiegħda tkun dejjem meta jkollok l-istaġun tax-Xitwa minħabba il-maltemp. Din is-sena żdiedu anke għadd ta' lampi ġodda u tbiddlu wkoll dawk aniki ta' mal-ħajt. Ġew irrestawrati mill-ġdid numru ta' fanali antiki fejn dawn qegħdin jitwaħħlu ġo sqaqien li għandna fiż-żona urbana tal-madwar, u huwa ta' sodisfazzjon ukoll li qegħdin naqilbu għal sistema aktar effiċjenti, dik tal-LED. Sewwa sew il-konsum jonqos drastikament għax qed nużaw enerġija nadifa u aktar effiċjenti. Saru ħafna tiswijiet fuq dawl, anke tal-ġonna li għandna, fosthom Ġnien iċ-Ċrieki, li ġie kollu fuq sistema LED. Qed isir wkoll xogħol estensiv sabiex jiġi rranġat ukoll Ġnien iż-Żgħożija, peress li għad għandna ħsarat fil-*cables* l-antiki tal-arbli u anke fil-lanterni. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-Kumpanija *Nexos Lighting,* li jieħu ħsiebha s-Sur Joe Borg, għall-koperazzjoni kbira li dejjem sibt kull meta kelli bżonn. Nieħu l-opportunita’ ukoll nirringrazzja lill-korporazzjoni *Enemalta* u l-ħaddiema ddedikati tagħha għal kull problema li affaċċjajna bħala ħsarat, kif ukoll twaħħil ta’ arbli u bozoz ġodda. Dejjem għamlu u qegħdin jagħmlu xogħol professjonali, għax fl-inqas ħin possibbli dejjem kienu strumentali biex il-provvista tal-elettriku tiġi lura għan-normal.






## L-Indafa Pubblika

Huwa dekasteru li din is-sena ħdimt bla qatigħ sabiex nara li jkun hawn aktar indafa fir-raħal tant sabiħ tagħna ż-Żejtun. Ma kienet xejn faċli li trazzan lil min jipprova jħammeġ barra u jabbuża wkoll mil-liġi. Ħidma li wettaqt u ghadni nwettaq fejn tidħol l-indafa pubblika. Grazzi għal min wera fiduċja fija fix-xogħol biex stajt nikkontrolla l-abbuż sfrenat li kien hawn minn xi persuni li ma kienux responsabbli għal għemilhom. Saħansitra huwa ta' sodisfazzjon li tressqu anke persuni quddiem il-ġustizzja biex jieħdu dak li ħaqqhom. Nixtieq nirringrazzja pubblikament anke lill-*Cleansing and Maintenance Division*, taħt it-tmexxija tas-Sur Ramon Deguara, li kienu ta' għajnuna kbira kull meta kellna bżonn. Dejjem kienu ta' servizz effiċjenti u mingħajr dewmien. Kienu strumentali wkoll li minn din is-sena, ġew introdotti wkoll is-servizz ta' *CCTVs* sabiex jimmoniterjaw ċertu *areas* fejn għandna kompartimenti tas-separazzjoni tal-iskart. Ħidma oħra ta' min ifaħħarha wkoll hija dik tal-*Bulky Refuse*, skart goff li jinġabar minn wara l-bieb tiegħek bl-akbar kumdita'. Minn hawn nixtieq ngħid grazzi minn qalbi lis-Sur Ronald Bezzina, il-kuntrattur tagħna, għas-servizz tajjeb li qed jagħti ġewwa ż-Żejtun.










## Ħidmiet Oħra

Apparti minn hekk, għamilt ħidma estensiva mal-kumpaniji tat-telekomunikazzjonijiet, bħalma huma, *GO Mobile* u *Melita*, fejn għandhom x'jaqsmu servizzi ta' internet, telefon kif ukoll sistemi diġitali, fejn hawn kellna ħafna lmenti mir-residenti li riedu jiġu solvuti.

Ħidma oħra li wettaqt kienet dik mal-forzi iddixipplinati ta' pajjizna, bħalma huma, il-Pulizija, li nistqarr li dejjem kienu ta' kontribut qawwi sabiex tinżamm il-bon ordni. Ħdimt ukoll mal-Protezzjoni Ċivili, li minn hawn insellmilhom għax-xogħol iddedikat li huma jagħmlu. Dan żgur li m'huwiex xogħol faċli għalihom, fejn jidħlu salvataġġ ta' persuna jew persuni minħabba l-fatt li hemm il-ħajja fin-nofs. Pero nistqarr li dejjem kienu mill-ewwel ta' għajnuna f'kull meta kellna bżonn is-servizzi tagħhom.

## Għeluq

Se nagħlaq dan ir-rapport tiegħi billi nagħmel ftit ringrazzjamenti żgħar. Nibda biex nirringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Anton Falzon, tal-koperazzjoni sħiħa li minn dejjem sibt mingħandu kull meta kelli bżonn, lill-kumplament tal-istaff tal-*customer care*, Marthese, Ann Marie, Jesmond u Stefan.

Nirringrazzja wkoll liż-żewġ uffiċjali eżekuttivi, Angelo u Reuben, għal ħidma tant speċjali, kif ukoll għall-paċenzja li ħadu bija bix-xogħol li kont u għadni ntihom ta' kuljum.

U fl-ahhar u mhux l-inqas, nirringrazzja lil kull min qed juri fiduċja sħiħa fix-xogħol li qed inwettaq ta' kuljum. Grazzi lis-Sindku u sħabi l-Kunsilliera, li flimkien qegħdin hemm sabiex inwettqu l-ħidma tagħna favur il-komunita' Żejtunija.

# Roderick Caruana

Fis-sena preċedenti nistgħu ngħidu li komplejna bis-saga tal-pandemija, fejn il-lok għall-attivitajiet kien remot. Pero', minkejja li ma stajtx nagħmel attivitajiet marbuta mad-dekasteri tiegħi marbuta mal-Ambjent u Enerġija, xorta rajt li naħdem fuq dawn il-punti bħala ħidma tiegħi ta' Kunsillier:

- Attendejt u pparteċipajt għall-maġġoranza tal-laqgħat tal-Kunsill.

- Ressaqt diversi ilmenti u proposti min-naħa tar-residenti, fost dawn:

  - Immaniġjar tat-traffiku, fejn wassalt numru ta' ilmenti hekk kif mwassla lili.
  - Irrapurtar ta' ħsarat fit-toroq, f'dawk li huma infrastruttura u ħsarat fid-dawl.
  - Ressaqt ilmenti li wasluli dwar il-ġbir tal-iskart, problemi ta' *parking* u *light pollution*, fost l-oħrajn.
  - Assitejt numru ta' residenti fil-ġbir tal-iskart goff.
  - Ipproponejt sabiex xi toroq jissemmew għall-personalitajiet Żwieten li ħallew marka bix-xogħol siewi tagħhom matul ħajjithom.
  - Assistejt lil xi bdiewa mil-lokal dwar il-provvista tal-ilma fir-raba' saqwi tagħhom.
  - Sħaqt fuq preżenza aktar persistenti tal-forzi tal-ordni fil-ġonna tagħna sabiex jinqata' kemm jista' jkun l-abbuż u l-istess ġonna jkunu aktar *safe* kif ukoll post ta' rikrejazzjoni b'mod seren għall-familjari li jiffrekentawhom.
  - Kont preżenti, u fejn stajt, tajt għajnuna għal numru ta' attivitajiet mtella' mill-kollegi Kunsilliera, kif ukoll attendejt għal numru ta' stediniet u *press releases* li kellna bħala Kunsill.

Nixtieq nirringrazzja lil sħabi l-Kunsilliera, li flimkien mas-Sinjura Sindku u l-istaff kollu tal Kunsill, dejjem sibt appoġġ kbir min-naħa tagħhom.

Inħares 'il quddiem sabiex fis-sena 2022, inkompli naħdem id f'id, kemm mal-istaff u sħabi l-Kunsilliera, kif ukoll mal-entitajiet Żwieten, sabiex ikompli jinħoloq aktar ġid komuni, b'riżultat lejn Żejtun aħjar.

# Sean Chircop

## Introduzzjoni

Din kienet id-disa’ sena tiegħi bħala kunsillier fil-Kunsill Lokali taż-Żejtun. Għalkemm is-sena 2021 kienet sena limitata għall-attivitajiet, bħas-sena 2020, minħabba l-pandemija li għaddejin minnha, nista’ ngħid li kienet sena oħra impenjattiva f’dawk li għandhom x’jaqsmu ma’ xogħlijiet relatati mat-Taqsima tal-Kultura, l-Istorja u t-Turiżmu.

Matul din is-sena minħabba li ma tantx setgħu jsiru attivitajiet intanġibli, rajt li niffukaw aktar fuq affarijiet tanġibli, biex jibqgħu jitgawdew u jagħtu l-frott fis-snin li ġejjin, fejn ħriġna bi proġetti u ideat ġodda. Ma nistax nibda dan ir-rapport ta’ ħidma billi ma nirringrazzjax lis-Sindku, li matul din is-sena erġajt sibt għajnuna kontinwa mingħandha, kif ukoll grazzi lill-membri u l-istaff kollha tal-Kunsill, fejn bis-saħħa tal-għajnuna u l-koperazzjoni tagħhom qed jirnexxili nwettaq dan ix-xogħol. Nixtieq nirringrazzja wkoll għal darb’oħra lill-għaqdiet Żwieten, il-Parroċċa taż-Żejtun kif ukoll numru ta’ Żwieten, li dejjem urew l-koperazzjoni tagħhom għal kull għajnuna li kelli bżonn minnhom biex tkun tista’ tittella’ xi attività u titwettaq idea.

## Il-Grupp Letterarju taż-Żejtun




Matul din is-sena l-Grupp Letterarju taż-Żejtun ma setgħax ikompli jiltaqqa’ minħabba ċ-ċirkostanzi, iżda xorta rajna kif inkomplu nagħtu spazju lill-kittieba u l-poeti Żwieten. Fejn rajna biex flimkien mal-MUYA *(Malta UNESCO Youth Association)* napplikaw għal skema differenti biex inkomplu nippromovu d-djalett Żejtuni u l-kitbiet tal-kittieba Żwieten.

Fejn applikajna għall-Iskema ta’ Inizjattivi Żgħar mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat, għall-proġett ‘**Kelmtejn mill-Popolin**’. F’dan il-proġett ħadna ħsieb li nippubblikaw ktieb b’mod professjonali, kitbiet ta’ djalett u poeżiji, mill-poplu Żejtuni. Barra minn hekk se jkunu qed isiru serati b’dawn il-kitbiet, biex il-kitba tal-poplu tasal iżjed fost il-pubbliku. Dan il-ktieb se jkun qed jitqassam b’xejn lil-libreriji ta’ Malta. B’kollox ħadu sehem 30 kittieb.

Matul din is-sena komplejna nippubblikaw żewġ ktejbiet oħra mis-sensiela ‘**Kulħadd Xogħlu Jogħġbu**’, fejn qed nagħtu spazju lill-kittieba u poeti Żwieten biex iwasslu fost il-pubbliku l-kitbiet u l-poeżiji tagħhom.

## Is-Sit u l-paġna tal-*Facebook*

Ħadt ħsieb li s-sit uffiċjali tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun, *www.zejtunlocalcouncil.com*, matul is-sena jibqa' jiġi aġġornat b'dak kollu li jkun qed iseħħ fil-Kunsill Lokali. Matul is-sena, eluf ta' Maltin, qed jidħlu f'dan is-sit biex ifittxu informazzjoni utli, kif ukoll informazzjoni fuq l-istorja u l-kultura taż-Żejtun. Qed jintuża wkoll mit-tfal għall-proġetti, hekk kif is-sit issa qiegħed bil-Malti wkoll. Din is-sena, minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid-19, kienet iżjed utli hekk kif intużat biex iżomm kuntatt mar-residenti minn ġo djarhom, fejn setgħu jibbukkjaw għal servizzi b'mod elettroniku, kif ukoll isibu informazzjoni utli dwar dawk iż-żminijiet b'mod aktar faċli.

Ħadt ħsieb ukoll li ta' kull ġimgħa nkompli naġġorna l-paġna uffiċjali tal-Kunsill Lokali fuq *facebook*, ***'Kunsill Lokali Żejtun - Żejtun Local Council'*,** biex qed tkun avviżiera aktar qrib il-poplu Żejtuni. Numru kbir ta' nies qed isibu din il-paġna wkoll utli, fejn hemm 'il fuq minn 5,000 utent li jżurha b'mod regolari.

## *Explore* Żejtun - App tal-*Mobile*, Ktieb u Gwida

Bis-saħħa tal-iskema *Leader* għall-Programm tal-Iżvilupp Rurali ħadna ħsieb li nġibu l-fondi biex insaħħu l-prodott kulturali u turistiku fiż-Żejtun. Fl-istess ħin, b'dan il-proġett ħadna ħsieb li nqajmu aktar għarfien dwar iż-Żejtun fost il-pubbliku u nżommu kuntatt b'mod aktar faċli mar-residenti. Dan il-proġett jikkonsisti f'**app tal-mobile, ktieb ta' tagħrif dwar iż-Żejtun u ktieb gwida** għall-gwidi dwar iż-Żejtun.

Il-*Mobile* App, bl-isem **Explore Żejtun**, ġiet imnedija fil-15 ta' Frar fejn tista' titniżżel b'xejn minn kulħadd fuq il-*mobile* jew *tablet*, kemm fuq sistema *Android* u anki dik tal-*Apple*. Fuq din l-app, il-pubbliku jista' jkun jaf tagħrif dwar il-postijiet ta' interess li nsibu fiż-Żejtun, kif ukoll fuq l-aspetti kulturali u storiċi taż-Żejtun. Barra minn hekk, ir-residenti permezz tal-app jistgħu japplikaw għal diversi servizzi, jirrappurtaw ħsarat jew vandaliżmu mill-kumdità ta' darhom. Permezz tal-app, qed jitwasslu notifikazzjonijiet mill-Kunsill biex jinżamm kuntatt mar-residenti dwar dak li jkun qed iseħħ fiż-Żejtun.



Din is-sena ppubblikajna wkoll ktieb mimli ritratti u informazzjoni dwar dak kollu li nsibu fi triqat iż-Żejtun u l-istorja tagħhom. Wara li fl-1997 il-Kunsill Lokali taż-Żejtun ħareġ il-ktieb **Triqat iż-Żejtun**, b'kitba ta' Dun Joe Abela, kien wasal iż-żmien li dan il-ktieb jiġi aġġornat. Barra li ktieb illum il-ġurnata hu *out-of-print* minn dak iż-żmien 'l hawn, infetħu numru ta' toroq ġodda u nbidlu ismijiet ta' toroq oħra, b'hekk dan hu verżjoni aġġoranta. Dan il-ktieb tqassam b'xejn lit-tfal tal-*Year* 4 u l-*Year* 5 tal-Iskola Primarja B taż-Żejtun, kif ukoll kopja lil-libreriji kollha ta' Malta. Dan il-ktieb ġie ppreżentat ukoll lill-President ta' Malta, Dr. George Vella.



Din is-sena ġie ppubblikat ukoll ktieb forma ta' *tourist guide*, biex ikun jista' jintuża mill-gwidi u mill-viżitaturi li jiġu jżuru ż-Żejtun, dwar il-postijiet ta' interess li nsibu fiż-Żejtun, kif ukoll numru ta' rotot ta' patrimonju, bl-isem ta' ***Explore* Żejtun**. Dan qed ikompli jsaħħaħ il-mappa turistika li ħriġna sentejn ilu flimkien ma' Wirt iż-Żejtun. Dan it-*tourist guide* tqassam b'xejn lill-gwidi u l-akkomodazzjonijiet turistiċi li nsibu fiż-Żejtun.



## Numru ta' Proġetti ta' Restawr

Wara li l-Ministeru tal-Kultura fetaħ l-applikazzjoni għall-proġetti tar-restawr, ħadna ħsieb biex napplikaw għar-restawr tal-**Kappella tas-Salvatur**. Matul is-sena 2021 dan ir-restawr fuq il-faċċata tal-Kappella tas-Salvatur sar b'rittmu mgħaġġel, mill-ħaddiema tad-Direttorat tar-Restawr, fejn fuq pressjoni tal-Kunsill sar ukoll ir-restawr tal-aperturi tal-kappella u z-zuntier. Din il-kappella ġiet inawgurata fl-14 ta' Ġunju, ftit qabel il-festa ta' Santa Katarina u f'Awwissu reġgħet ġiet iċċelebrata l-quddies fiha. Sar appell lill-Ministru tal-Kultura biex ikun jista' jsir restawr fuq ġewwa.



Minn hawn nirringrazzja wkoll lill-Gvern Ċentrali, fosthom lill-Onor. Owen Bonnici, tar-restawr li sar fuq il-faċċata u l-kampnari tal-**Knisja Parrokkjali taż-Żejtun**.

Il-Kunsill Lokali kellu f'moħħu wkoll li jsir ir-restawr tal-faċċata tal-Ġnien Botaniku tal-Kmand, kif ukoll ir-restawr tal-faċċata tat-torri li għandu fi ħdanu ċ-Ċentru tal-Arti u l-Artiġjanat. Minħabba diversi ostakli li sibna, dawn il-proġetti sa issa għadhom pendenti li ma jistgħux jimmaterjalizzaw.

## Ħarsien ta' Binjiet Storiċi u l-Karattru tat-Toroq

Matul din is-sena l-Kunsill Lokali kompla jieħu ħsieb il-karattru taż-Żona Urbana ta' Konservazzjoni fejn jiġu evalwati l-permessi biex tinġibed attenzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-valur arkitettoniku u storiku ta' dawn il-binjiet. Fost 'l oħrajn rajna li jkun hemm oġġezzjoni dwar l-iżvilupp u l-qerda ta' Villa Bonici f'Ta' Tavlin. Bis-saħħa ta' dan, wara talba li saret mill-Kunsill, flimkien ma' għaqdiet oħra, **Villa Bonici** ġiet **skedata** bħala binja ta' Grad 2. Minn hawn nirringrazzja lill-Awtorità tal-Ippjanar li kemm -il darba qed tiġi kkunsidrata l-opinjoni tal-Kunsill Lokali fuq diversi proġetti li jkunu proposti għaż-Żejtun. Fost din is-sena

konna strumentali biex jitwaqqaf il-bini ta' kumplessi li kienu se jeqirdu l-karattru ta' **Triq San Girgor** u l-inħawi l-qodma ta' **Bisqallin**. Saru oġġezzjonijiet li jaħarqu wkoll dwar **Vjal il-25 ta' Novembru**, kontra l-estensjoni ta' stabbiliment tax-xiri fuq ODZ u biex ma jibnewx serer massivi fid-daħla taż-Żejtun.

Matul din is-sena twettqu l-proġetti li kienu ġew applikati għalihom għall-**fondi tal-LESA** biex insebbħu t-toroq dojoq taż-Żejtun fil-**Gwiedi u Ħabel ix-Xgħir** billi se nkunu qed nimplementaw l-istrateġija ta' pjanti fl-urban u sar tibdil tal-fanali. Minn hawn nirringrazzja s-Sindku li ħadet ħsieb li jkomplu jiġu aktar ippavimentati toroq u sqaqin madwar iż-Żejtun.

## *Workbook* - Esplora Beltna

Flimkien mal-Kunsilliera Dorcas Camillieri ħadna ħsieb li joħroġ *workbook* u se jsiru *workshops* biex jedukaw aktar lit-tfal dwar l-Istorja, il-Kultura, il-Patrimonju u l-Personaġġi taż-Żejtun. Dan il-proġett kellu jitlesta fl-2020, iżda minħabba li l-iskejjel għalqu kellu jiġi pospost. Dan tqassam b'xejn lill-istudenti kollha tal-*Year* 4. Dan seta' jsir b'fondi mgħotija għall-Ministeru għall-Gvern Lokali u l-Kultura. Ħadna ħsieb li jinġibu aktar fondi biex studenti fi snin oħra tal-primarja jkunu jistgħu jgawdu minn dan il-proġett.

# Attivitajiet Kulturali

Din is-sena, minħabba r-restrizzjonijiet tas-saħħa li kienu u għadhom fis-seħħ, ma setgħux isiru l-attivitajiet annwali min-nofs Marzu 'l quddiem, ħlief għall-waqfa fis-Sajf. B'hekk diversi attivitajiet annwali kellhom jitħassru.

## Tifkira tal-Gwerra




Biex infakkru s-79 sena anniversarju mit-Traġedja tal-Pjazza tat-2 ta' Mejju, 1942 din is-sena l-komemorazzjoni ma setgħetx issir b'mod normali, imma bħala Kunsill ħadna ħsieb li niltaqgħu u npoġġu kuruna tal-fjuri ad unur missirijietna li ħallewlna f'din it-traġedja.

Fis-6 ta' Ġunju sar *re-enactment* ta' żmien il-Gwerra permezz ta' diversi vetturi tal-gwerra mill-*Battlefront Living History Group*. Mal-istess grupp ġew iddokumentati diversi postijiet li hawn relatati ma' żmien it-Tieni Gwerra Dinjija biex dawn jiġu protetti.

# Is-Serata ta' Ġieħ iż-Żejtun - 23 ta' Lulju, 2021

Matul din is-serata, bħas-snin imgħoddija, reġa' kien hemm il-**Konkors Letterarju Annwali** tal-Kunsill Lokali, li kull sena qed jieħdu sehem fih kittieba ġodda. Din is-sena kellna numru sabiħ fejn jidħlu kittieba u anki l-livell ta' kitbiet. F'dan il-Konkors, ġew ippremjati l-aqwa rakkont b'Malti standard (li ntrebħet mis-Sur Rita Saliba), l-aqwa poeżija (li ntrebħet mis-Sa. Lina Bonnici) u l-aqwa poeżija tat-tfal (li ntrebħet mis-Sa. Grazielle Portelli).

Ingħata t-Trofew Frans Baldacchino (il-Budaj) għall-aqwa poeżija u għar-raba' darba ngħata t-Trofew Lino Psaila għall-aqwa silta bid-djalett Żejtuni li ħaditu s-Sa. Fiona Vella. Il-kitbiet kollha li ħadu sehem ġew ippubblikati f'żewġ ktejbiet biex ikunu jistgħu jitgawdew mill-pubbliku. Din is-sena wkoll se jiġu ppremjati xogħlijiet letterarji bl-istess format. Din is-sena s-serata ser terġa ssir fis-6 ta' Lulju.

Dakinhar ġie onorat ukoll bil-midalja ta' Ġieħ iż-Żejtun **Mons. Victor Grech**, li ħadem u għadu jaħdem b'risq iż-żgħażagħ fuq livell nazzjonali u internazzjonali, fosthom fil-ħidma tiegħu fil-Caritas. Fl-istess serata ngħata wkoll unuri oħra ta' apprezzament, fejn ingħataw premjijiet speċjali lil 8 persuni fil-qasam tagħhom: il-Premju Anzjanità Attiva lis-Sa. Joyce Pace u lis-Sur Joe 'Powerful' Falzon, il-Premju Fjamma Żagħżugħa lir-Rev. Roderick Baldacchino u lir-Rev. Jean Claude Schembri, il-Premju Sportiv tas-Sena lis-Sa. Tenishia Thornton u s-Sur Joseph Gauci u l-Premju Ħarsien il-Wirt Kulturali lill-Profs. Anthony Bonanno u lis-Sur Paul Zammit.

Is-serata ttellgħet fi Ġnien l-Għannejja Żwieten u kienet ippreżentata mis-Sur Jean Claude Gatt u bis-sehem tal-kantanta Danica Muscat fejn annimat is-serata b'numru ta' kanzunetti bil-Malti mill-album il-ġdid tagħha.

Wara saret bibita fi Ġnien tal-Kmand, fejn wara xhur ta' rinovazzjoni ġie inawgurat f'dan il-jum, fejn ħadna ħsieb li nuru l-potenzjal u s-sbuħija ta' dan il-ġnien.





## Żmien il-Milied - il-Kompetizzjoni u *Workshop*

Għall-waqt il-festi tal-Milied, għalkemm kellu jiġi mħassar il-Kunċert, fl-aħħar mumenti ħadt ħsieb biex terġa' tittella' l-**Kompetizzjoni tal-Isbaħ Armar Kreattiv ta' Żmien tal-Milied fiż-Żejtun**. Kellna numru sabiħ ta' kompetituri li ħadu sehem, bħas-snin imgħoddija, u kollha ngħataw rikonoxximent tax-xogħol sabiħ tagħhom b'rabta ma' dawn iż-żminijiet. Din is-sena kellna tlett kategoriji; l-isbaħ tieqa, l-isbaħ presepju u l-isbaħ tiżjin ġenerali.

Għal żmien il-Milied ħadna ħsieb li nippreparaw programm sħiħ b'diversi attivitajiet li minħabba l-pandemija ma setgħux isiru. Fil-bidu ta' Diċembru ħadna ħsieb li norganizzaw ***workshop* dwar il-presepju** mill-presepista Żejtuni Manuel Vella.

Matul il-Kunċert tal-Milied normalment jingħata t-**Trofew Carlo Diacono** lill-aqwa bandist tas-sena taż-żewġ baned ewlenin taż-Żejtun. Għal din is-sena, it-trofew kellu jingħata fi żmien ieħor, fejn ingħata l-premju għas-sena 2020 u s-sena 2021.

## Turiżmu u l-Belt Kulturali

Matul l-2021 kellna f'moħħna li nkomplu nippromwovu *tours* turistiċi sabiex inħajru aktar turisti jżuru ż-Żejtun, iżda minħabba l-pandemija kellhom jerġgħu jitwaqqfu. Matul is-Sajf, bis-saħħa tal-Kunsilliera Stephanie Fenech, iż-Żejtun ospita numru ta' gruppi ta' Pollakki fejn dawwarnihom madwar il-partijiet l-antiki taż-Żejtun. Nisperaw li r-ritmu li konna bdejna bih inkompluh wara l-pandemija.



F'April, wara li ngħaqqadna ma' diversi għaqdiet taż-Żejtun biex inħejju programm kumpless, applikajna biex iż-Żejtun ikun jista' jitqies bħala l-Belt Kulturali għall-2022. B'kollox ressaqna programm ta' 'l fuq minn 80 attività, b'2 attivitajiet fil-ġimgħa, biex inkomplu nippromwovu ż-Żejtun u nsaħħu l-aspett artistiku, kulturali u mużikali. Ħasra li din l-applikazzjoni ma kienetx dik magħżula mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali.

ŻEJTUN
BELT KULTURALI
BELT KANDIDATA
2022



## *European Destination of Excellence - EDEN*

Fl-aħħar ta’ Novembru 2019, kien mument importanti għaż-Żejtun hekk kif ġejna infurmati li ż-Żejtun inagħta t-titlu ta’ Destinazzjoni Ewropea ta’ Eċċellenza mill-Unjoni Ewropea, fejn ingħata rikonoxximent u promozzjoni madwar l-Ewropa kollha.

Iċ-ċerimonja uffiċjali min-naħa mill-Ministeru għat-Turiżmu biex jagħti liż-Żejtun dan ir-rikonoxximent saret fis-27 ta’ Jannar, 2021. Matul din is-sena, fuq livell ta’ Unjoni Ewropea, iż-Żejtun kompla jingħata promozzjoni, anki b’filmat li sar, kif ukoll minn żmien għal żmien għadna nirċievu inviti min-network tal-EDEN biex ikomplu jippromwovu liż-Żejtun.

Din is-sena erġajna applikkajna biex iż-Żejtun ikun jista’ jingħata mill-ġdid dan ir-rikonoxximent, iżda issa qed jingħata lil belt waħda mill-Ewropa kollha fis-sena.



## Olive Twist - Proġett ta' Arti Moderna

Wara li applikajna għall-fondi mill-*Malta Art Funds*, flimkien mal-*Malta Unesco Youth Association* (MUYA) fejn ġew mogħtija €30,000 biex ikun jista' jsir proġett ta' arti moderna fiż-Żejtun, din is-sena din l-arti moderna ġiet installata. Din l-arti li qed tippreżenta siġra taż-żebbuġ, li tirrifletti l-isem Żejtun, saret fir-roundabout ta' Misraħ Dom Mintoff, Bir id-Deheb. Dan il-proġett sar mill-artist **Rune Bo Jakobsen.**





Photo - DOI - Reuben Piscopo

## Ismijiet ta' Toroq

F'dawn l-aħħar sentejn bdejt nieħu ħsieb ukoll l-ismijiet tat-toroq u n-numerazzjoni tal-bibien. Il-prijorità tiegħi hi li l-ismijiet eżistenti ma jinbidlux peress li dawn qed jirriflettu l-istorja ta' beltna u missirijietna. Ħadna ħsieb li nagħtu ismijiet ġodda għal toroq bla isem f'Ħal Tmin.

Din is-sena komplejna naħdmu flimkien mal-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq biex jingħataw numru ta' bibien ġodda, peress li ħafna djar qed jinbidlu f'kumplessi ta' appartamenti u b'hekk ikun hemm bżonn tibdil, iżda fl-istess ħin naraw li ma tantx jiġu affettwati nies. Barra minn hekk, rajna li f'dawk it-toroq fejn kien hemm numru ta' numri neqsin, dawn jitneħħew biex jitneħħa kull lok ta' abbuż.

Inbidlu wkoll it-tabelli tal-konfini taż-Żejtun biex ikunu iżjed preżentabbli.

## Għeluq

Hawn tajt ħarsa ħafifa lejn ix-xogħol li sar matul din is-sena u li kien ħaqqhom jissemmew. Minn hawn, nixtieq nirringrazzja lis-Sindku s-Sinjura Doris Abela, tal-koperazzjoni li dejjem sibt mingħandha għal kull idea li xtaqt inwettaq matul din is-sena. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-Kunsilliera sħabi kollha tal-koperazzjoni u l-għajnuna li dejjem sibt mingħandhom. Bla dubju ta' xejn, nixtieq ngħid grazzi kbira lill-istaff kollu tal-Kunsill Lokali, fosthom lis-

Segretarju Anton Falzon, li jkun ta' għajnuna kbira matul is-sena biex kollox jitmexxa b'mod tajjeb f'kull attività, u lil Angelo u Reuben tal-paċenzja li jieħdu. Filwaqt li nixtieq nirringrazzja ukoll lil Stefan, Marthese u Ann Marie tal-għajnuna li sibt mingħandhom fil-ħidma tal-2021 u lill-ħaddiema 'l oħra kollha tal-Kunsill.

Fl-aħħar u mhux l-anqas, nixtieq nirringrazzja lil dawk il-persuni kollha li nsib l-għajnuna tagħhom għall-attivitajiet varji, fejn għal kull attività nista' ngħid li hemm persuni partikolari li jagħtu l-kontribut tagħhom, iżda żgur ma nistax ninsa lill-familja tiegħi.

# Stephanie Fenech

## Introduzzjoni

Sena oħra fejn kellna mill-ġdid nbiddlu l-pjanijiet u l-attivitajiet li nsegwu u l-idejat kellna naħsbu sew fuqhom qabel ma nwettquhom għax dejjem ridna nġibu r-residenti u s-saħħa tagħhom bħala prijorita' fuq kollox. Pruvajna inkunu innovativi f'dak li qed norganizzaw u nsegwu dak li verament għandhom bżonn ir-residenti.

## Żgħażagħ

Pruvajna kemm jista' jkun biex inkunu ta' **sostenn għaż-żgħażagħ** fi żmien li kellhom jaffaċċjaw sfidi ġodda. Bqajna bil-limitazzjonijiet u nsegwu lil xulxin permezz tal-mezzi onlajn. Tajna l-opportunita' lil żgħażagħ li ħadmu fuq proġetti ta' volontarjat relatat mas-*Systems of Knowledge* kif ukoll sigħat rikjesti mill-MCAST. Offrejna diversi opportunitajiet ta' safar barra minn Malta, li se nkun qed nidħol fihom fil-qasam tal-proġetti tal-Ewropa.

## Sport



Bqajna għaddejjin b'**sessjonijiet tal-attivita' fiżika** matul is-sena kollha u tajna l-aċċess biex jintuża kemm jista' jkun kemm l-ispazju miftuħ fi Ġnien l-Għannejja Żwieten u anke fejn kien hemm is-sala li tinsab fl-istess ġnien għal sessjonijiet diversi, fosthom *Zumba*, *yoga* u *fitness* għal etajiet differenti kif ukoll arti marzjali. Inkoraġġixxejna lir-residenti biex jibqgħu kemm jista' jkun attivi minkejja l-pandemija sabiex l-individwu jibqa' anke mentalment san apparti fiżikament b'saħħtu.

Ikkollaborajna mal-*Maltese Olympic Committee* fejn ospitajna il-*Queen's Baton Relay* tal-*Commonwealth Games* li se jkunu qed isiru fl-2022 ġewwa l-Ingilterra. Din l-attivita' saret ġewwa l-Iskola Primarja B fejn it-tfal kollha setgħu jaraw personalment il-*baton.* Klassi mill-iskola primarja preparat poeżija u posters biex ikomplu jżewqu din iċ-ċerimonja li għaliha wkoll attendiet l-atleta Żejtunija Carla Scicluna. Tajna wkoll lil kull tifel u tifla fuljett b'informazzjoni dwar il-logħob tal-*Commonwealth* u partikolaritajiet oħra dwar ir-*relay* u l-*baton.*

Ipparteċipajna f'*The President's Fun Run 2021* li ħadet forma oħra ħabba l-pandemija u setgħet issir ġewwa kull lokalita' flok waħda li tispiċċa ġewwa l-Belt. Kien ta' pjaċir għalina li għall-mixja fil-lokalita' tagħna attendew il-President ta' Malta, il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni.

Finalment, rajna li nirranġaw partijiet mir-rampa ta' *skate park.* Inqalgħet kompletament il-parti tan-nofs u saret tiswija fuq partijiet minn tal-ġnub. L-isbaħ parti ta' dan il-proġett huwa l-kollaborazzjoni li kellna bejn il-Kunsill Lokali, l-Aġenzija Żgħażagħ u l-*Malta Street Sports Association.* Rajna kif fiċ-ċentru ta' kollox inżommu liż-żgħażagħ li jiffrekwentaw dan l-ispazju pubbliku. Fix-xhur li ġejjin se naraw kif inkomplu nsostnu dan l-i*skate ramp* u nsebbħu ukoll il-madwar.

## Saħħa

Għal darb'oħra, il-**vaċċin staġjonali tal-influwenza** għal din is-sena ma kienx responsabbilta' tal-Kunsill Lokali minħabba l-pandemija. Diversi persuni wieġbu għas-sejħa tal-Gvern biex kemm jista' jkun il-pubbliku jitlaqqmu. Min-naħa tagħna assistejna wkoll permezz ta' infermiera kwalifikati miż-Żejtun li b'mod volontarju għenu u taw it-tilqima f'diversi djar fosthom anke lir-residenti u l-istaff ta' Fondazzjoni Nażaret. Tajna l-assistenza tagħna wkoll biex jingħata l-vaċċin tal-Covid permess ta' *mobile van* li serva ta' *walk-in community clinic.*

Kellna diversi żjarat mill-Bank tad-Demm ġewwa Misraħ Girgor Bonici permezz tal-*mobile unit*, inizjattiva li dejjem tintlaqa' tajjeb mir-residenti b'konkorrenza qawwija. Kellna wkoll żjarat diversi mill-istudenti tal-Fakulta' tas-Saħħa fejn taw pariri utli kif persuna tieħu ħsieb lilha nnifisha u lil ta' madwarha waqt il-pandemija, kif ukoll teħid ta' zokkor fid-demm, pressjoni u BMI. Ikkomemorajna diversi ġranet relatati mas-saħħa fosthom il-*Pink October* u *Blood Donor Day.*



## Trasport Pubbliku u Mobbilita' Alternattiva

Bqajna naraw li aktar persuni jużaw ir-rota bħala mezz ta' trasport, speċjalment it-tfal, fejn rajna li nikkollaboraw mal-iskejjel primaji fuq *Bike Days.* Ksibna fondi wkoll mingħand il-Ministeru tal-Finanzi biex inkunu nistgħu ninstallaw 16 -il *bicycle racks* f'diversi postijiet madwar il-lokal. Dan l-apparat qed isir biex kemm jista' jkun nagħtu **aktar opportunitajiet biex ir-residenti u oħrajn jużaw ir-rota**. Dawn ir-*racks* jinsabu :

- Misraħ Carlo Diacono.
- Misraħ Girgor Bonici.
- Misraħ Indipendenza.
- Misraħ Pizzuta.
- Skola Primarja A u B.
- Ġnien iż-Żgħożija.
- Ġnien l-Għannejja Żwieten.






Applikajna b'suċċess għall-*European Mobility Week 2021* u rnexxielna niksbu €25,000 biex nixtru vann tal-elettriku biex jintuża għal **servizz ta' trasport interkomunitarju** għal anzjani u persuni vulnerabbli. Il-proċess beda, u qed naħdmu fuq it-tender fil-preżent ħalli ma ndumux biex nibdew nipprovdu dan is-servizz tant meħtieġ fl-2022.

## Fondi tal-Ewropa

Applikajna għal diversi proġetti tal-Ewropa, prinċipalment skambji u korsijiet fi ħdan l-*Erasmus Plus.* Kienet **sena mimlija b'opportunitajiet** għax bosta minn dawn il-proġetti ġew approvati u rajna li jiġu attwati bosta minnhom, fejn dawn jirrekjedu safar barra minn Malta.

Il-proġetti li wettaqna din is-sena kienu jinkludu :

- Proġett ta' sena dwar kif l-arti marzjali tal-*Capoeira* tista' tintuża bħala għodda ta' inklużjoni għal tfal u żgħażagħ. Dal-proġett kien jikkonsisti minn varjeta ta' attivitajiet, fosthom kors ta' taħriġ ġewwa l-Latvja u l-Estonja, taħrig tal-*capoeira* għal tfal u żgħażagħ Żwieten, u l-egħluq tal-proġett isir ġewwa Malta.




- Proġett ġewwa Sabbionetta fl-Italja flimkien mal-Kunsill ta' dan ir-raħal fejn ħdimna fuq proġetti li se nkunu nistgħu napplikaw għalihom fis-snin li ġejjin.



- Proġett ġewwa l-gżira ta' Sardinja dwar kif il-mezzi teknoloġiċi jistgħu jgħinuna nilħqu aktar żgħażagħ u nfasslu l-politika. Għal dan il-proġett rajna li ninkludu wkoll l-baned tal-lokal għax nemmnu li dan l-għarfien jista' jgħinhom fil-ħidma tagħhom.



- Proġett ġewwa Avola fi Sqallija dwar il-kultivazzjoni taż-żebbuġ u ż-żejt taż-żebbuġa. Għal dan l-iskambju, ipparteċipa grupp ta' 6 żgħażagħ, għal tul ta' 10 t'ijiem.

- Proġett ta' sena dwar l-edukazzjoni sesswali fost iż-żgħażagħ. Diġa' kellna kors ta' taħriġ ġewwa l-Isvezja u issa se nkomplu fuq riċerka, u aktar 'il quddiem din is-sena skambju ġewwa l-Italja.

## Kura tal-Annimali

Matul is-sena bqajna għaddejjin nutilizzaw il-fondi mingħand il-Ministeru tal-Agrikoltura u l-Ħarsien tal-Annimali, *LC Care Fund,* fosthom għal servizzi veterinarji u mediċini għall-qtates ta' barra. Id-*dog park* infetaħ uffiċjalment u jintuża ħafna mir-residenti. Nixtieq li jkun hawn aktar indafa f'dan id-*dog park* ħalli kemm jista' jkun jintuża b'mod aktar regolari. Xtrajna aktar apparat apposta biex il-*feeders* inkunu nistgħu nipprovdulhom ukoll aktar sapport biex isewwu l-qtates.



Qed nifhmu wkoll il-problema kbira li għandna bil-ħamiem selvaġġ fil-lokalita'. Irreġistrajna isimna mal-Assoċazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex nibbenefikaw minn skema ta' għalf kontraċettiv biex ma jibqax jitkattar. Ħdimna wkoll fuq *bye-law* li ttina l-lok li dawk li jitimgħu ħamiem selvaġġ jiġi mmultat. Nisperaw li nkunu nistgħu naraw żvilupp fuq din il-problema ma ndumux.

## Teknoloġija Diġitali

Iffinalizzajna l-proġett Ewropew *Wifi4EU* fejn issa nsibu aktar postijiet b'aċċess għal Wifi b'xejn fosthom: il-Pjazza, Ġnien iż-Żgħożija, Misraħ Pizzuta, il-Ġnien tal-Kmand u Ġnien l-Għannejja Żwieten.

## Għeluq

Fl-**egħluq ta' dan ir-rapport**, nirringrazzja lill-familja u l-kollegi tiegħi tal-għajnuna li nsib f'kull ma jkun hemm bżonn. Inħarsu 'l quddiem lejn din is-sena ġdida li nemmnu u tidher li se tkun iktar pożittiva. Grazzi lis-Sindku u sħabi kunsilliera tal-kuraġġ u s-sostenn li nsibu f'xulxin, lis-Segretarju Ezekuttiv u l-istaff, kemm amministrattiv u manwali, tal-koperazzjoni dejjiema tagħhom.

# Rapport u l-Estimi Finanzjarji għall-2022

## Anton Falzon, is-Segretarju Eżekuttiv

Qed inressqu l-estimi finanzjarji tal-Kunsill Lokali Żejtun għas-sena finanzjarja 2022.

Ghalkemm is-sena 2022 reġgħet ma kienetx sena normali minħabba ċ-ċirkustanzi li ġabet magħha l-Pandemija tal-COVID-19, wieħed jista' jgħid li kienet ferm aħjar mis-sena 2021. Hekk kif deskritt fir-rapporti tas-Sindku, Viċi-Sindku u Kunsilliera, matul l-2021, l-andement tax-xogħol tal-Kunsill baqa' għaddej tajjeb ferm, fejn mhux biss rajna proġetti jiġu 'nawgurati u oħrajn jinbdew, iżda rajna wkoll l-ippjanar ta' proġetti għas-snin li ġejjin.

Kumparat mas-sena 2020, wieħed jista' jinnota żieda konsiderevoli fis-salarji. Din iż-żieda hi attribwita minħabba l-ingaġġ tal-ġardinara, li llum huma responsabbli mill-ġonna fi ħdan il-lokal. Kien esperiment li nistgħu ngħidu li rnexxa u qiegħed iħalli r-riżultati mixtieqa. Ta' min jinnota li l-ispiża kuntrattwali għall-manteniment tal-ġonna u rqajja bil-ħamrijja bi ftehim mal-kuntrattur, tnaqqset bi ftit aktar minn €20,000 sabiex tikkumpensa għal din in-nefqa.

Matul l-2021, sar kull sforz sabiex nibbenifikaw minn fondi minn skemi, apparti minn dak li ningħataw fl-allokazzjoni annwali. Fost dawn, il-Kunsill din is-sena assigura €84,000 sabiex isir tisbiħ fi Ġnien San Girgor, kif ukoll €75,000 sabiex jinxtraw vetturi għall-użu tal-Kunsill. Dan kollu jirrikjedi bosta xogħol amministrattiv li jsir b'ħeġġa u determinazzjoni, iżda ma nistax ma nesprimix id-diżappunt għal mod kif f'okkażjonijiet partikolari ma ningħatawx l-fondi mistħoqqa, mingħajr ġustifikazzjoni xierqa.

Matul is-sena 2021, saru wkoll proġetti kapitali, kemm fi spazji pubbliċi, ġonna, kif ukoll fi sqaqien. Tlesta l-proġett ta' Misraħ Mikiel Anton Vassalli, li sar b'ko-finanzjament minn Sport Malta, kif ukoll sar it-tisbiħ ta' Pjazza Santa Marija, bi spiża ta' €40,000. Saru wkoll bosta xogħlijiet ta' natura mdaqqsa madwar il-lokalita', li żgur ħallew impatt fuq il-ħajja ta' kuljum tar-residenti.

Is-sena finanzjarja 2022 fiha wkoll l-isfidi tagħha. Kif jingħad kull sena, l-ispejjeż tal-operat ser jibqgħu jiżdiedu. Biss biss, wieħed jista' jsemmi li din is-sena inħarġu sejħiet għal offerti għal knis tat-toroq urbani u għal servizz ta' ġbir ta' skart goff, servizzi li għalihom l-ispiża dejjem tiżdied. Minkejja dan, permezz tal-koperazzjoni tas-Sindku, Viċi-Sinku u l-Kunsilliera, ninsab ċert li bħas-snin preċedenti, ser inwettqu l-ħidma mistennija mill-Kunsill u nibqgħu b'sitwazzjoni finanzjaraja b'saħħitha.

Nagħlaq dan ir-rapport billi nirringrazzja lis-Sindku, Viċi-Sindku, Kunsilliera kif ukoll lill-ħaddiema kollha għas-sostenn u koperazzjoni sħiħa tagħhom matul is-sena. Żgur li mingħajrhom ir-rizultati miksuba ma kienux ikunu possibbli.

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv

## Statement of Income and Expenditure

| DESCRIPTION | BUDGET Jan-Dec 2021 | ACTUAL Jan-Dec 2021 | BUDGET Jan-Dec 2022 | VARIANCE Bud-Bud | VARIANCE Bud-Act |
|---|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € | € |
| **Income** | | | | | |
| Funds received from Central Government (1) | 1,179,776 | 857,169 | 1,179,544 | (232) | (827,282) |
| Income raised from Bye-Laws (2) | 51,900 | 91,312 | 48,800 | (3,100) | (150,512) |
| Income raised from LES (3) | 9,000 | 7,760 | 9,800 | 800 | (7,160) |
| Investment Income (4) | 350 | - | 350 | - | - |
| Other Income (5) | 22,200 | 9,722 | 15,750 | (6,450) | 5,528 |
| **TOTAL** | **1,263,226** | **965,963** | **1,254,244** | **(8,982)** | **(979,426)** |
| **Expenditure** | | | | | |
| Personal Emoluments (6) | 183,642 | 151,638 | 240,567 | 56,925 | 19,379 |
| Operations and Maintenance (7) | 652,700 | 402,700 | 599,816 | (52,884) | (146,684) |
| Administration (8) | 45,500 | 60,367 | 56,600 | 11,100 | (104,067) |
| Finance Cost (9) | - | - | - | - | - |
| Other Expenditure (10) | 146,529 | 201,042 | 301,664 | 155,135 | 100,622 |
| **TOTAL** | **1,028,371** | **815,747** | **1,198,647** | **170,276** | **(130,750)** |
| **Surplus / Deficit** | **234,855** | 150,216 | 55,597 | (179,258) | (848,676) |

## Statement of Financial Position

| DESCRIPTION | BUDGET as at 31 Dec 2021 | ACTUAL as at 31 Dec 2021 | BUDGET as at 31 Dec 2022 | VARIANCE Bud-Bud | VARIANCE Bud-Act |
|---|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € | € |
| **Non-current Assets** | | | | | |
| Property, Plant and Equipment (16) | 1,676,940 | 1,676,940 | 1,675,276 | (1,664) | (1,664) |
| **Current Assets** | | | | | |
| Inventories (11) | - | - | - | - | - |
| Receivables (12) | 100,148 | 106,986 | 100,148 | - | (6,838) |
| Cash and Cash Equivalents (13) | 1,760,425 | 1,583,775 | 1,760,425 | - | 176,650 |
| **Total Current Assets** | **1,860,573** | 1,690,761 | 1,860,573 | - | 169,812 |
| **Current Liabilities (14)** | | | | | |
| Payables | 303,008 | 330,599 | 303,008 | - | (27,591) |
| **Total Current Liabilities** | **303,008** | 330,599 | 303,008 | - | (27,591) |
| **Net Current Assets** | **1,557,565** | 1,360,162 | 1,557,565 | - | 197,403 |
| **Non-current liabilities (15)** | - | - | - | - | - |
| **Net Assets** | **3,234,505** | 3,037,102 | 3,232,841 | (1,664) | 195,739 |
| **Reserves** | | | | | |
| Retained Funds | **2,813,140** | **3,153,121** | **3,208,718** | **395,578** | **55,597** |

## Financial Situation Indicator

| DESCRIPTION | BUDGET as at 31 Dec 2021 | ACTUAL as at 31 Dec 2021 | BUDGET as at 31 Dec 2022 |
|---|---|---|---|
| | € | € | € |
| Current Assets | 1,860,573 | 1,690,761 | 1,860,573 |
| Current Liabilities | 303,008 | 330,599 | 303,008 |
| **Working Capital** | 1,557,565 | 1,360,162 | 1,557,565 |
| Government Allocation | 969,657 | 1,698,972 | 979,350 |
| **FSI** | **161 %** | **80 %** | **159 %** |

### Cash Budget

| DESCRIPTION | QTR 1 JAN-MAR 2022 € | QTR 2 APR-JUN 2022 € | QTR 3 JUL-SEP 2022 € | QTR 4 OCT-DEC 2022 € | TOTAL 2022 € |
|---|---|---|---|---|---|
| **Cash Inflows** | | | | | |
| **Government cash inflows** | 244,838 | 244,838 | 244,838 | 244,838 | **979,350** |
| **Cash flows from Bye-Laws & L.N fees** | 12,200 | 12,200 | 12,200 | 12,200 | **48,800** |
| **Local Enforcement cash flows** | 2,450 | 2,450 | 2,450 | 2,450 | **9,800** |
| **Finance cash flows** | | | | | |
| Loan Proceeds | | | | | **-** |
| Investment income | 88 | 88 | 88 | 88 | **350** |
| | | | | | **350** |
| **Capital cash flow** | | | | | |
| Proceeds from disposal of assets | | | | | **-** |
| | | | | | **-** |
| **Cash received from EU funds** | | | | | **-** |
| **Cash received from Twinning** | | | | | **-** |
| **Cash from Community Services** | | | | | **-** |
| **Other Cash Inflows** | 3,938 | 3,938 | 3,938 | 3,938 | **15,750** |
| **TOTAL Inflows** | **263,425** | **263,425** | **263,425** | **263,425** | **1,054,050** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Cash Outflows** | | | | | |
| **Personal Emoluments** | 60,142 | 60,142 | 60,142 | 60,142 | **240,567** |
| **Operations & Maintenance** | 148,954 | 148,954 | 148,954 | 148,954 | **595,816** |
| **Administration** | 14,150 | 14,150 | 14,150 | 14,150 | **56,600** |
| **Finance** | - | - | - | - | **-** |
| **Capital** | | | | | |
| Acquisition of property | | | | | **-** |
| Construction | | | | | **-** |
| Improvements | 12,500 | 12,500 | 12,500 | 12,500 | **50,000** |
| Special programmes | 62,500 | 62,500 | 62,500 | 62,500 | **250,000** |
| | | | | | **-** |
| | 75,000 | 75,000 | 75,000 | 75,000 | **300,000** |
| **Cash outflows re EU projects** | | | | | **-** |
| **Cash outflows re Twinning** | | | | | **-** |
| **Cash outflows re Community Services** | | | | | **-** |
| | | | | | **-** |
| | - | - | - | - | **-** |
| **TOTAL Outflows** | **298,246** | **298,246** | **298,246** | **298,246** | **1,192,983** |
| **SURPLUS / (DEFICIT)** | **(34,821)** | **(34,821)** | **(34,821)** | **(34,821)** | **(138,933)** |
| **Brought forward (Bank /Cash Bal.)** | **1,583,775** | **1,548,954** | **1,514,134** | **1,479,313** | **1,583,775** |
| **Carry forward** | **1,548,954** | **1,514,134** | **1,479,313** | **1,444,492** | **1,444,842** |

# Detailed Estimates of Income

| | | DESCRIPTION | A | B | C | D (B + C) | E | F (E - A) | G (E - D) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | BUDGET Jan-Dec 2021 | ACTUAL Jan-Sept 2021 | FORECAST Oct-Dec 2021 | TOTAL Jan-Dec 2021 | BUDGET Jan-Dec 2022 | VARIANCE Bud-Bud | VARIANCE Bud-Act |
| | | | € | € | € | € | € | € | € |
| | | **Income** | | | | | | | |
| 1 | | **Funds received form Central Government:** | | | | | | | |
| | 0001 | In terms of section 55 CAP 363 | 969,657 | 729,315 | 969,657 | 1,698,972 | 979,350 | 9,693 | (719,622) |
| | 0002-0004 | In terms of section 58 CAP 363 | 10,000 | | 10,000 | 10,000 | 10,000 | - | - |
| | 0005-0019 | Other Income | 200,119 | 127,854 | 170,000 | 297,854 | 190,194 | (9,925) | (107,660) |
| | | | **1,179,776** | **857,169** | **1,149,657** | 2,006,826 | **1,179,544** | **(232)** | **(827,282)** |
| 2 | | **Bye-Laws & Legal Fees** | | | | | | | |
| | 0021-0025 | Community Services | 17,500 | 5,640 | 8,000 | 13,640 | 16,500 | (1,000) | 2,860 |
| | 0026-0035 | Income from Permits | 34,400 | 85,672 | 100,000 | 185,672 | 32,300 | (2,100) | (153,372) |
| | | | **51,900** | **91,312** | **108,000** | **199,312** | **48,800** | **(3,100)** | **(150,512)** |
| 3 | | **Local Enforcement Income** | | | | | | | |
| | 0037 | Commission from Regional Committees | 9,000 | 7,760 | 9,200 | 16,960 | 9,800 | 800 | (7,160) |
| | 0038-0055 | Contraventions | | | | - | | - | - |
| | | | **9,000** | **7,760** | **9,200** | **16,960** | **9,800** | **800** | **(7,160)** |
| 4 | | **Investment Income** | | | | | | | |
| | 0091-0095 | Bank interest | 350 | | 350 | 350 | 350 | - | - |
| | 0096-0099 | Income received from Government Securities | | | | - | | - | - |
| | | | | | | - | | - | - |
| | | | **350** | **-** | **350** | **350** | **350** | **-** | **-** |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 5 | **General Income** | | | | | | | |
| 0056-0065 | Sponsorships | 3,000 | | | - | 1,500 | (1,500) | 1,500 |
| 0066-0069 | Documents & Information | 1,100 | 6,252 | | 6,252 | 6,500 | 5,400 | 248 |
| 0070-0075 | EU Funds | | | | - | | - | - |
| 0076-0080 | Twinning | | | | - | | - | - |
| 0081-0089 | Insurance Claims | | | | - | | - | - |
| 0100-0109 | Donations | | | | - | | - | - |
| 0110-0119 | Contributions | | | | - | | - | - |
| 0120-0129 | General Income | 18,100 | 3,470 | 500 | 3,970 | 7,750 | (10,350) | 3,780 |
| | | | | | - | | - | - |
| | | **22,200** | **9,722** | **500** | **10,222** | **15,750** | **(6,450)** | **5,528** |
| | **Total** | **1,263,226** | **965,963** | **1,267,707** | **2,233,670** | **1,254,244** | **(8,982)** | **(979,426)** |

# Detailed Estimates of Expenditure

| | DESCRIPTION | A | B | C | D (B + C) | E | F (E - A) | G (E - D) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | BUDGET Jan-Dec 2021 | ACTUAL Jan-Sept 2021 | FORECAST Oct-Dec 2021 | TOTAL Jan-Dec 2021 | BUDGET Jan-Dec 2022 | VARIANCE Bud-Bud | VARIANCE Bud-Act |
| | | € | € | € | € | € | € | € |
| 6 | **Personal Emoluments** | | | | | | | |
| 1100 | Mayor's Allowance | 15,270 | 11,902 | 4,000 | 15,902 | 15,516 | 246 | (386) |
| 1200 | Employees' Salaries & Wages | 130,132 | 107,170 | 42,850 | 150,020 | 186,587 | 56,455 | 36,567 |
| 1300 | Bonuses | 3,075 | 914 | 2,000 | 2,914 | 12,164 | 9,089 | 9,250 |
| 1400 | Income Supplements | 9,965 | 1,609 | 8,000 | 9,609 | 1,600 | (8,365) | (8,009) |
| 1500 | Social Security Contributions | 19,500 | 9,897 | 10,000 | 19,897 | 16,000 | (3,500) | (3,897) |
| 1600 | Allowances | 700 | 16,980 | 700 | 17,680 | 700 | - | (16,980) |
| 1700 | Overtime | 5,000 | 3,166 | 2,000 | 5,166 | 8,000 | 3,000 | 2,834 |
| | | **183,642** | **151,638** | **69,550** | **221,188** | **240,567** | **56,925** | **19,379** |
| 7 | **Operations and Maintenance** | | | | | | | |
| 2100-2149 | Public Utilities | 12,000 | 3,986 | 13,700 | 17,686 | 12,000 | - | (5,686) |
| 2200-2259 | Public Materials & Supplies | 10,500 | 6,590 | 9,700 | 16,290 | 10,000 | (500) | (6,290) |
| 2300-2399 | Repairs & Upkeep | 54,500 | 47,512 | 70,700 | 118,212 | 64,800 | 10,300 | (53,412) |
| 2400-2449 | Rent | 3,000 | (35) | 3,000 | 2,965 | 1,400 | (1,600) | (1,565) |
| 3010 | Street Lighting | 33,000 | 35,771 | 31,000 | 66,771 | 40,000 | 7,000 | (26,771) |
| 3020 | Lease of Equipment | | | | - | | - | - |
| 3030 | Insurance | 6,000 | 4,401 | 5,200 | 9,601 | 5,000 | (1,000) | (4,601) |
| 3035 | Bank Charges | 500 | 670 | 500 | 1,170 | 916 | 416 | (254) |
| 3038 | Penalties | | | | - | | - | - |
| 3040 | Waste Disposal | 88,000 | 39,420 | 85,000 | 124,420 | 60,000 | (28,000) | (64,420) |
| 3041 | Refuse Collection | 120,000 | 98,896 | 30,000 | 128,896 | 120,000 | - | (8,896) |
| 3042 | Bulky Refuse Collection | 30,000 | 26,076 | 15,000 | 41,076 | 35,000 | 5,000 | (6,076) |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 3043 | Bins on wheels | | | | - | | - | - |
| 3045 | Bring in sites | | | | - | | - | - |
| 3051 | Road & Street Cleaning | 45,000 | 30,365 | 2,000 | 32,365 | 50,000 | 5,000 | 17,635 |
| 3052 | Cleaning & Maintenance of Non-Urban Areas | 30,000 | 26,223 | 7,000 | 33,223 | 31,000 | 1,000 | (2,223) |
| 3053 | Cleaning of Public Conveniences | 2,000 | (93) | 1,000 | 907 | | (2,000) | (907) |
| 3055 | Cleaning of Council Premises | | 4,385 | 1,000 | 5,385 | | - | (5,385) |
| 3060 | Cleaning & Maintenance of Parks & Gardens | | | | - | | - | - |
| 3061 | Cleaning & Maintenance of Soft Areas | 48,000 | 28,566 | 8,000 | 36,566 | 25,000 | (23,000) | (11,566) |
| 3062 | Cleaning & Maintenance of Beaches & CA | | | | - | | - | - |
| 3063 | Cleaning & Maintenance of Country Non-Urban | | | | - | | - | - |
| 3064 | Other Contractual Services | 20,000 | | 20,000 | 20,000 | 20,000 | - | - |
| 3070-3090 | Consultation Fees | | | | - | | - | - |
| 3100-3139 | Contract & Project Management | 66,000 | 28,930 | 31,000 | 59,930 | 45,000 | (21,000) | (14,930) |
| 3300-3379 | Hospitality | 84,200 | 19,746 | 10,000 | 29,746 | 79,700 | (4,500) | 49,954 |
| 3380-3389 | Community | | 1,968 | | 1,968 | | - | (1,968) |
| 3600-3694 | Local Enforcement Expenses - Manucca | | | | - | | - | - |
| 3700-3799 | EU Projects | | (677) | | (677) | | - | 677 |
| 3800-3899 | Twinning | | | | - | | - | - |
| | | | | | - | | - | - |
| | | **652,700** | **402,700** | **343,800** | **746,500** | **599,816** | **(52,884)** | **(146,684)** |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 8 | | **Administration & Other Expenditure** | | | | | | | |
| | 2150-2199 | Office Utilities | 4,000 | 2,653 | 4,000 | 6,653 | 4,000 | - | (2,653) |
| | 2260-2299 | Office Materials & Supplies | | | | - | | - | - |
| | 2450-2499 | Office Rent | | | | - | | - | - |
| | 2500-2599 | National & International Memberships | 700 | | 200 | 200 | 500 | (200) | 300 |
| | 2600-2699 | Office Services | 7,500 | 10,864 | 8,200 | 19,064 | 9,100 | 1,600 | (9,964) |
| | 2700-2799 | Transport | 3,800 | 1,479 | 2,900 | 4,379 | 4,500 | 700 | 121 |
| | 2800-2899 | Travel | | | | - | | - | - |
| | 2900-2999 | Information Services | | 2,195 | | 2,195 | | - | (2,195) |
| | 3050 | Office Cleaning | | | | - | | - | - |
| | 3140-3199 | Professional Services | 5,000 | 31,526 | 55,000 | 86,526 | 5,000 | - | (81,526) |
| | 3200-3299 | Training | | | | - | | - | - |
| | 3345 | Office Hospitality | | | | - | | - | - |
| | 3400-3499 | Incidental Expenses | 24,500 | | 30,000 | 30,000 | | (24,500) | (30,000) |
| | | | | 11,650 | | 11,650 | 33,500 | 33,500 | 21,850 |
| | | | **45,500** | **60,367** | **100,300** | **160,667** | **56,600** | **11,100** | **(104,067)** |
| 9 | | **Finance Costs** | | | | | | | |
| | 3036 | Interest on Bank Loan | | | | - | | - | - |
| 10 | | **Other Expenditure** | | | | | | | |
| | 3500-3599 | Loss / (Profit) on Disposal of assets | | | | - | | - | - |
| | 3695 | Increase/(Decrease) in allowance for bad debts | | | | - | | - | - |
| | 8000-8099 | Depreciation (Charge for the Year) | 146,529 | 201,042 | | 201,042 | 301,664 | 155,135 | 100,622 |
| | | | 146,529 | 201,042 | - | 201,042 | 301,664 | 155,135 | 100,622 |
| | | **Total** | **1,028,371** | **815,747** | **513,650** | **1,329,397** | **1,198,647** | **170,276** | **(130,750)** |

# Detailed Estimates of Statement of Financial Position

| | DESCRIPTION | A | B | C | D (B + C) | E | F (E - A) | G (E - D) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | BUDGET Jan-Dec 2021 € | ACTUAL as at 30-Sep 2021 € | FORECAST changes from 30 Sep-31 Dec 2021 € | TOTAL as at 31-Dec 2021 € | BUDGET Jan-Dec 2022 € | VARIANCE Bud-Bud € | VARIANCE Bud-Act € |
| 11 | **Inventory** | | | | | | | |
| 5201-5249 | Stationery | | | | - | - | - | - |
| 5250-5299 | Consumables | | | | - | - | - | - |
| | | | | | - | - | - | - |
| | | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** |
| 12 | **Receivables** | | | | | | | |
| 0201-0209 | Receivables | 86,984 | 89,559 | | 89,559 | 86,984 | - | (2,575) |
| 0210-0219 | LES Receivables | 13,164 | 17,427 | | 17,427 | 13,164 | - | (4,263) |
| 0220-0229 | Receivables from EU | | | | - | | - | - |
| 0250 | Prepayments & Accrued income | | | | - | | - | - |
| | | | | | - | | - | - |
| | | **100,148** | **106,986** | **-** | **106,986** | **100,148** | **-** | **(6,838)** |
| 13 | **Cash & Equivalents** | | | | | | | |
| 5001-5099 | Bank & Cash Balances | 1,760,425 | 1,583,775 | | 1,583,775 | 1,760,425 | - | 176,650 |
| | | **1,760,425** | **1,583,775** | **-** | **1,583,775** | **1,760,425** | **-** | **176,650** |

**14** **Payables**

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 4000 | Payables | 203,008 | 193,731 | | 193,731 | 203,008 | - | 9,277 |
| 4100 | Accruals | 100,000 | | | - | 100,000 | - | 100,000 |
| 4150 | Defered Income | | 136,868 | | 136,868 | - | - | (136,868) |
| | Current portion of Long-Term Borrowings | | | | - | - | - | - |
| | | | | | - | | - | - |
| | | **303,008** | **330,599** | **-** | **330,599** | **303,008** | **-** | **(27,591)** |

**15** **Non Current Liabilities**

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 4200 | Long Term Borrowings | | | | - | | - | - |
| | | | | | - | | - | - |
| | | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** |